# Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WATHELET
ippreżentati fis-16 ta' Mejju 2018[1]

**Kawża C-93/17**

**Il-Kummissjoni Ewropea**
**vs**

**Ir-Repubblika Ellenika**

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonstata n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu – Nuqqas ta' eżekuzzjoni – Pagamenti ta' penali – Somma f'daqqa"

## I. Introduzzjoni

1. Dan il-każ huwa bbażat fuq rikors tal-Kummissjoni Ewropea kontra r-Repubblika Ellenika abbażi tal-Artikolu 260 TFUE minħabba n-nuqqas ta' eżekuzzjoni tas-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-485/10, mhux ippubblikata, EU:C:2012:395). F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet ikkonstatat li billi ma adottatx, fit-terminu previst, il-miżuri kollha meħtieġa sabiex teżegwixxi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/610/KE, tat-2 ta' Lulju 2008, dwar il-miżuri C 16/04 (ex NN 29/04, CP 71/02 u CP 133/05) implimentati mill-Greċja favur l-impriża Hellenic Shipyards SA[2], u, billi ma ppreżentatx lill-Kummissjoni, fit-terminu previst, l-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 19 ta' dik id-deċiżjoni, ir-Repubblika Ellenika kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikoli 2, 3, 5, 6, 8, 9 u 11 sa 19 tal-imsemmija deċiżjoni.

## II. Il-kuntest ġuridiku

2. L-Artikolu 346(1) TFUE jipprevedi:

"Id-dispożizzjonijiet tat-Trattati m'għandhomx ikunu inkompatibbli mar-regoli li ġejjin:

[…]

b) kull Stat Membru jista' jieħu l-miżuri li jikkunsidra meħtieġa sabiex jipproteġi l-interessi vitali tas-sigurta' tiegħu, u li jkollhom x'jaqsmu mal-manifattura jew tal-kummerċ ta' l-armi, munizzjon u materjal tal-gwerra; dawn il-miżuri ma għandhomx ifixklu l-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern dwar prodotti li ma jkunux intiżi għall-għanijiet speċifikament militari."

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.
2 ĠU 2009, L 225, p. 104.

## III. Il-fatti li wasslu għall-kawża

3. Fl-1985, Hellenic Shipyards SA (Ellinika Nafpigeia AE, iktar 'il quddiem "EN"), proprjetarja ta' tarzna (ċivili u militari) Griega li tinsab f'Skaramagkas (il-Greċja), temmet l-operazzjonijiet tagħha u daħlet fi proċess ta' likwidazzjoni. Fl-1985 ukoll, il-bank tal-Istat Elliniki Trapeza Viomichanikis Anaptixeos AE (iktar 'il quddiem "ETVA"), xtara l-maġġoranza tal-ishma ta' EN. Fit-18 ta' Settembru 1995, ġie ffirmat kuntratt ta' bejgħ ta' 49 % tal-ishma ta' EN lill-impjegati tagħha.

4. Fl-1998, ir-Repubblika Ellenika ddeċidiet li timmodernizza u tkabbar il-flotta ta' sottomarini tagħha. Għal dan il-għan, din ikkonkludiet ma' EN kuntratt għall-bini ta' erba' sottomarini "HDW klassi 214" (il-kuntratt "Archimedes") u kuntratt għall-immodernizzar ta' tliet sottomarini "HDW klassi 209" (il-kuntratt "Neptune II").

5. Għall-bini u l-immodernizzar ta' dawn is-sottomarini, EN ikkonkludiet sottokuntratti ma' Howaldtswerke-Deutsche Werft GmbH (iktar 'il quddiem "HDW") u Ferrostaal AG (iktar 'il quddiem imsejħa flimkien "HDW-Ferrostaal").

6. Fl-2001, ir-Repubblika Ellenika ddeċidiet li tipprivatizza lil EN kollha. Meta ntemmet il-proċedura ta' privatizzazzjoni, HDW-Ferrostaal xtrat l-ishma kollha ta' EN. Matul l-2005, il-grupp Ġermaniż ThyssenKrupp AG xtara lil HDW kif ukoll l-ishma kollha miżmuma minn Ferrostaal f'EN.

7. Fil-kuntest tal-privatizzazzjoni ta' EN, bejn l-1996 u l-2003, ir-Repubblika Ellenika ħadet ċertu numri ta' miżuri li kienu jikkonsistu f'injezzjonijiet ta' kapital, garanziji, kontrogaranziji u self lil EN, li kienu s-suġġett ta' bosta deċiżjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

8. L-Artikoli 2, 3, 8, 9 u 11 sa 15 tad-Deċiżjoni 2009/610 jistipulaw li dawn il-miżuri huma għajnuna inkompatibbli mas-suq intern.

9. Skont l-Artikoli 5 u 6 ta' din id-deċiżjoni, l-għajnuna speċifikata fiha, għalkemm il-Kummissjoni kienet awtorizzatha, ġiet applikata b'mod abbużiv b'mod li kien meħtieġ li tiġi rkuprata.

10. Skont l-Artikolu 16 tad-Deċiżjoni 2009/610, il-garanzija ta' kumpens mogħtija minn ETVA lil HDW-Ferrostaal li kienet tipprovdi li din tal-aħħar tiġi kkumpensata għal kull għajnuna mill-Istat irkuprata mingħand EN, kienet tikkostitwixxi għajnuna li ġiet implimentata bi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE, hija wkoll inkompatibbli mas-suq intern u għalhekk kellha titwaqqaf minnufih.

11. Billi kkonstatat li l-għajnuna li kellha tiġi rkuprata kienu bbenefikaw minnha biss l-attivitajiet ċivili ta' EN, il-Kummissjoni ddeċidiet fl-Artikolu 17 ta' din l-istess deċiżjoni li din l-għajnuna kellha tiġi rkuprata mill-assi ċivili ta' din il-kumpannija [3].

12. L-Artikolu 18 tad-Deċiżjoni 2009/610 impona fuq ir-Repubblika Ellenika l-irkupru immedjat u effettiv tal-għajnuna, kif iddefinit fl-Artikoli 2, 3, 5, 6, 8, 9 u 11 sa 15 ta' dik id-deċiżjoni. Skont din id-dispożizzjoni, ir-Repubblika Ellenika kellha tadotta l-miżuri neċessarji biex dik id-deċiżjoni tiġi implimentata fi żmien erba' xhur mid-data ta' notifika tagħha, jiġifieri mit-13 ta' Awwissu 2008.

13. Minħabba s-sitwazzjoni ekonomika diffiċli ta' EN, ir-Repubblika Ellenika sostniet li l-irkupru sħiħ tal-għajnuna inkwistjoni seta' jwassal għall-falliment tagħha, u b'hekk jaffettwa l-attivitajiet militari tagħha (jiġifieri l-kuntratti "Archimedes" u "Neptune II"), b'tali mod li seta' jaffettwa l-ħarsien tal-interessi essenzjali tas-sigurtà tagħha skont l-Artikolu 346 TFUE.

3 Skont il-Kummissjoni, l-ammont tal-għajnuna (minbarra l-interessi) li kellha tiġi rkuprata dak iż-żmien ġie stmat provviżorjament għal madwar EUR 256 miljun.

14. Il-Kummissjoni, li ġiet invokata mir-Repubblika Ellenika, irrikonoxxiet li EN ma kellhiex il-fondi meħtieġa biex tħallas lura l-għajnuna[4] u pproponietilha li tqis id-deċiżjoni tagħha bħala eżegwita jekk EN tbigħ l-assi tal-attivitajiet ċivili tagħha u tuża r-rikavat ta' dan il-bejgħ biex tirrimborża l-ammont tal-għajnuna lill-Istat Grieg, tirrinunzja għall-garanzija ta' kumpens imsemmija fl-Artikolu 16 tad-Deċiżjoni 2009/610 kif ukoll għad-drittijiet esklużivi tagħha ta' użu ta' art tal-Istat (din kienet konċessjoni tal-baċir imbattal mill-ilma) li hija tirrestitwixxi lill-Istat (peress li din l-art ma kinitx meħtieġa għall-attivitajiet militari tagħha) u twaqqaf l-attivitajiet ċivili tagħha għal għaxar snin. Abbażi ta' dan, fit-8 ta' Lulju 2009, il-Kummissjoni, ir-Repubblika Ellenika u EN waslu għal ftehim fil-prinċipju.

15. Fl-istess waqt, il-grupp ThyssenKrupp daħal f'negozjati ma' Abu Dhabi Mar LLC (ADM)[5] biex jittrasferilu xi ishma ta' EN. F'Diċembru 2009, ADM ippropona li jixtri 75.1 % ta' dawn l-ishma għall-prezz ta' euro, filwaqt li 24.9 % jibqgħu proprjetà tal-grupp ThyssenKrupp. Waħda mill-kundizzjonijiet tax-xiri kienet li r-Repubblika Ellenika ssolvi l-kwistjoni tal-irkupru tal-għajnuna mill-Istat b'soluzzjoni approvata mill-investitur ADM.

16. F'Marzu 2010, ir-Repubblika Ellenika, ADM, ThyssenKrupp, HDW u EN ikkonkludew Ftehim Qafas ("Framework Agreement") li l-Artikolu 11 tiegħu kien jirreferi għall-obbligu tar-Repubblika Ellenika li tirkupra l-għajnuna mill-Istat u kien jispeċifika li "f'Lulju 2009 kienet ġiet innegozjata tranżazzjoni tripartitika bejn il-[Kummissjoni], ir-Repubblika Ellenika u EN għat-talbiet ta' rkupru tal-għajnuna mill-Istat u [li] l-eżekuzzjoni effettiva tagħha [kienet] pendenti". Skont dan l-artikolu, "ir-Repubblika Ellenika b'dan [kienet] qed tintrabat li tieħu l-miżuri kollha meħtieġa immedjatament biex tiżgura l-għeluq formali tal-fajl, it-tranżazzjoni definittiva u l-finalizzazzjoni ta' din il-proċedura li ADM tikkunsidra bħala prekundizzjoni għax-[xiri tal-ishma]"[6].

17. Fis-17 ta' Settembru 2010, il-partijiet għal dan il-Ftehim Qafas iffirmaw ukoll Ftehim ta' Implimentazzjoni ("Implementation Agreement") li kellu jsolvi xi tilwim dwar l-eżekuzzjoni tal-kuntratti "Archimedes" u "Neptune II" u jemendahom biex jieħdu inkunsiderazzjoni l-ħtiġijiet il-ġodda tal-flotta militari. Dan il-ftehim kien jipprovdi li l-likwidazzjoni ta' EN jew ta' kwalunkwe proċedura ta' falliment oħra tippermetti lir-Repubblika Ellenika ttemm dawn il-kuntratti. Dan il-ftehim ġie sanzjonat u sar legalment vinkolanti bil-Liġi Nru 3885/2010[7].

18. Fit-22 ta' Settembru 2010, il-grupp ThyssenKrupp biegħ 75.1 % tal-ishma lil Privinvest, peress li ADM kien irtira mill-akkwist ta' EN[8].

19. Fit-8 ta' Ottubru 2010, billi l-Kummissjoni kkonstatat li r-Repubblika Ellenika kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont id-Deċiżjoni 2009/610, hija ppreżentat rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 108(2) TFUE kontra r-Repubblika Ellenika bl-għan li jiġi kkonstatat li din ma adottatx, fit-terminu previst, il-miżuri kollha meħtieġa biex tikkonforma ma' dik id-deċiżjoni.

20. Bejn Ġunju u Ottubru 2010, il-Kummissjoni u r-Repubblika Ellenika kienu nnegozjaw l-impenji li din tal-aħħar kif ukoll EN kellhom jassumu u jimplimentaw sabiex jeżegwixxu d-Deċiżjoni 2009/610 mingħajr ma jġibu lil EN f'falliment jew jikkompromettu l-eżekuzzjoni tal-programmi "Archimedes" u "Neptune II" għall-flotta militari.

4 F'Ottubru 2010, l-ammont totali li kellu jiġi rkuprat, inklużi l-interessi, kien ta' madwar EUR 539 miljun.

5 ADM huwa grupp ta' kumpaniji li jispeċjalizza fil-bini ta' bastimenti tal-gwerra u jottijiet ta' divertiment u li 70 % tal-ishma tiegħu jappartjenu lill-grupp Al-Ain ikkontrollat mix-sheikh Hamdan Bin Zayed Al Nahyan u 30 % lill-grupp Privinvest ikkontrollat minn ċittadin Libaniż, is-Sur Safa.

6 "A tripartite settlement between the European Commission, the Hellenic Republic and [EN] for the state aid recovery claims has been negotiated in July 2009 and currently its final execution is pending. The Hellenic Republic is herewith undertaking to immediately take all necessary measures to secure the formal closing of the file and final settlement and completion of this procedure which is regarded by ADM as a condition precedent for the [share purchase]."

7 FEK A 171/29.9.2012.

8 Jidher li r-raġuni li ADM irtira kienet il-fatt li r-Repubblika Ellenika ma setgħetx tippermetti lil EN tuża l-baċir imbattal mill-ilma u ma setgħetx tiggarantixxi li EN kienet se tirċievi ordnijiet għall-kostruzzjoni ta' għadd kbir ta' bastimenti militari Griegi.

21. Fil-verżjoni finali[9], dawn l-impenji kienu li:

– EN twaqqaf l-attivitajiet ċivili tagħha għal perijodu ta' ħmistax-il sena mill-1 ta' Ottubru 2010;

– L-assi marbuta mal-attivitajiet ċivili[10] ta' EN jinbiegħu u r-rikavat tal-bejgħ jitħallas lill-awtoritajiet Griegi. Jekk l-irkant ma jwassalx għall-bejgħ ta' dawn l-assi ċivili kollha jew ta' parti minnhom, EN tittrasferihom lill-Istat Grieg bħala eżekuzzjoni alternattiva tal-obbligu tal-irkupru tal-għajnuna. F'dan il-każ, l-Istat Grieg għandu jiżgura li ebda wieħed mill-assi msemmija ma jinxtara mill-ġdid minn EN jew mill-azzjonisti attwali jew futuri tagħha għall-perijodu msemmi ta' ħmistax-il sena;

– EN tirrinunzja għall-konċessjoni tal-baċir imbattal li l-użu tiegħu ma kienx meħtieġ għat-twettiq tal-attivitajiet militari tagħha. L-Istat Grieg jiżgura li din il-konċessjoni u l-art koperta minnha ma jerġgħux jinxtraw minn EN jew mill-azzjonisti attwali jew futuri tagħha matul il-perijodu msemmi qabel ta' ħmistax-il sena;

– EN tirrinunzja għall-garanzija ta' kumpens imsemmija fl-Artikolu 16 tad-Deċiżjoni 2009/610 u ma tibda ebda proċedura bbażata fuqha jew marbuta magħha. Ir-Repubblika Ellenika għandha tinvoka l-invalidità ta' din il-garanzija quddiem kwalunkwe awtorità ġudizzjarja jew extraġudizzjarja;

– Fi żmien sitt xhur minn meta l-Kummissjoni taċċetta l-lista tal-impenji, ir-Repubblika Ellenika tagħtiha l-provi tar-ritorn tal-baċir imbattal mill-ilma lill-Istat Grieg u l-informazzjoni aġġornata dwar il-bejgħ b'irkant tal-assi ċivili. Barra minn hekk, ir-Repubblika Ellenika tirrapporta kull sena lill-Kummissjoni dwar il-progress tal-irkupru tal-għajnuna inkompatibbli, inkluż billi tippreżenta evidenza tal-fatt li EN ma għadhiex twettaq attivitajiet ċivili, tagħrif dwar il-proprjetà u l-użu tal-assi mogħtija lura lill-Istat Grieg kif ukoll dwar l-użu tal-art koperta mill-konċessjoni tal-baċir imbattal mill-ilma.

22. Permezz tal-ittra tal-1 ta' Diċembru 2010 (iktar 'il quddiem "l-ittra tal-1 ta' Diċembru 2010"), il-Kummissjoni informat lir-Repubblika Ellenika li jekk dawn l-impenji jiġu rrispettati u implimentati b'mod sħiħ fi żmien sitt xhur minn din l-ittra, hija tqis id-Deċiżjoni 2009/610 bħala kompletament eżegwita. Biex tevita kwalunkwe dubju, il-Kummissjoni għamlitha ċara li l-assi ta' EN, allokati għall-attivitajiet ċivili tagħha, kellhom jinbiegħu jew jiġu ttrasferiti lill-Istat Grieg fi żmien sitt xhur wara dik l-ittra.

23. Permezz tas-sentenza tagħha tat-28 ta' Ġunju 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-485/10, mhux ippubblikata, EU:C:2012:395), il-Qorti ddeċidiet li, billi ma adottatx, fit-terminu previst, il-miżuri kollha neċessarji sabiex teżegwixxi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/610 u, billi ma ppreżentatx lill-Kummissjoni Ewropea, fit-terminu previst, l-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 19 ta' din id-deċiżjoni, ir-Repubblika Ellenika kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikoli 2, 3, 5, 6, 8, 9 u 11 sa 19 ta' din id-deċiżjoni.

24. F'dak li jirrigwarda l-ittra tal-1 ta' Diċembru 2010, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "mkien ma [kien] jirriżulta fil-kontenut [tagħha] [li] kienet tissostitwixxi d-Deċiżjoni 2009/610, kif [kienet] qed issostni [r-Repubblika Ellenika]. Fil-fatt, l-ittra [kienet] sempliċiment tirrikonoxxi l-aħħar impenji tal-awtoritajiet Elleniċi u tindika li, jekk jiġu effettivament implimentati, il-Kummissjoni tqis li d-Deċiżjoni 2009/610 [kienet] ġiet eżegwita kompletament"[11] [traduzzjoni mhux uffiċjali].

9 EN iffirmat l-ittra ta' impenn tagħha fis-27 ta' Ottubru 2010 u r-Repubblika Ellenika ffirmat l-ittra ta' impenn tagħha fid-29 ta' Ottubru 2010.

10 Dawn kienu żewġ baċiri mbattla li jżommu f'wiċċ l-ilma, krejn li jżomm f'wiċċ l-ilma, żewġ laneċ tal-irmonk, sittax-il biċċa art proprjetà ta' EN u l-baċir imbattal nru 5 bl-art li tmiss miegħu (l-art nru 8) li l-Istat Grieg kien ta b'konċessjoni lil EN.

11 Sentenza tat-28 ta' Ġunju 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-485/10, mhux ippubblikata, EU:C:2012:395, punt 38).

## IV. Il-proċedura prekontenzjuża

25. Wara l-għoti tas-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-485/10, mhux ippubblikata, EU:C:2012:395), il-Kummissjoni u r-Repubblika Ellenika skambjaw diversi ittri dwar il-progress tal-irkupru tal-għajnuna inkompatibbli.

26. F'dan il-kuntest, ir-Repubblika Ellenika adottat diversi miżuri leġiżlattivi fir-rigward ta' EN.

27. Fir-rigward tal-konċessjoni tal-baċir imbattal mill-ilma, l-Artikolu 169(2) tal-Liġi Nru 4099/2012[12] huwa fformulat kif ġej:

"Osservanza tal-[ittra tal-1 ta' Diċembru 2010].

Mid-dħul fis-seħħ ta' din il-liġi, id-dritt ta' użu esklużiv, mogħti lil [EN] fl-Artikolu 1(15) tal-Liġi Nru 2302/1995 [...] kif ikkompletat bl-Artikolu 6(1) tal-Liġi Nru 2941/2011, huwa abolit sa fejn jirrigwarda l-parti tal-art tal-Istat ABK 266 b'medda ta' [...] (216 663.985 $m^2$) indikata [fuq il-pjanta topografika ppubblikata fl-Anness I għal din il-Liġi] kif ukoll iż-żona kostali li tinsab quddiem l-art pubblika ABK imsemmija iktar 'il fuq."

28. L-Artikolu 12 tal-Liġi Nru 4237/2014[13] introduċa moratorju li jissospendi kwalunkwe forma ta' eżekuzzjoni forzata kontra l-patrimonju mobbli u immobbli ta' EN "[minħabba li jew sa fejn[14]] din taffettwa l-kostruzzjoni u l-manutenzjoni tas-sottomarini militari".

29. Fl-Artikolu 26 tal-Liġi Nru 4258/2014[15], minħabba l-fatt li EN ma kinitx osservat l-impenji kuntrattwali tagħha fir-rigward tal-kuntratti "Archimedes" u "Neptune II", l-Istat Grieg ta l-proġett ta' bini u ta' mmodernizzar tas-sottomarini lill-flotta militari. Din id-dispożizzjoni kienet tipprovdi wkoll li l-flotta militari kienet se twettaq ix-xogħlijiet fuq is-sottomarini fil-faċilitajiet ta' EN mingħajr kontroparti u tħallas il-pagi u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-ħaddiema bħala kumpens għax-xogħol tagħhom.

30. Fis-27 ta' Novembru 2014, billi qieset li d-Deċiżjoni 2009/610 kienet għadha ma ġietx eżegwita, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni lill-awtoritajiet Griegi skont l-Artikolu 260(2) TFUE fejn tathom perijodu ta' eżekuzzjoni ta' xahrejn.

31. Permezz tal-ittra ta' intimazzjoni, il-Kummissjoni nnotat li sa dik id-data, l-awtoritajiet Griegi ma kienu rkupraw xejn mill-ammont tal-għajnuna inkompatibbli u ma kienu tawha l-ebda informazzjoni dwar l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni 2009/610, u li la huma u lanqas EN ma kienu osservaw l-impenji tagħhom stabbiliti fl-ittra.

32. B'mod iktar speċifiku, il-Kummissjoni kkunsidrat li ma kienx seħħ il-bejgħ tal-assi allokati għall-attivitajiet ċivili u nnotat li EN kienet qed tikkontesta l-lista tal-assi li kellhom jinbiegħu.

33. F'dak li jirrigwarda l-konċessjoni tal-baċir imbattal mill-ilma, il-Kummissjoni qieset li, għalkemm il-Liġi Nru 4099/2012 kienet tkopri r-restituzzjoni tal-art koperta minnha lill-Istat Grieg, l-awtoritajiet Griegi ma kinux taw lill-Kummissjoni mappa li tiddelimita l-art restitwita lill-Istat Grieg u l-evidenza li ma baqgħetx tintuża minn EN u lanqas ma wrew il-waqfien tal-attivitajiet ċivili, ħlief li semmew deċiżjoni li l-Bord tad-Diretturi tagħha allegatament ħa għal dan il-għan fl-14 ta' April 2010 waqt il-130 laqgħa tiegħu.

12 FEK A' 250/20.12.2012.
13 FEK A' 36/12.2. 2014.
14 Id-dispożizzjoni inkwistjoni tuża l-kelma "καθόσον" li jista' jkollha ż-żewġ tifsiriet.
15 FEK A' 94/14.4.2014.

34. Skont il-Kummissjoni, l-awtoritajiet Griegi la kienu pprovdew evidenza li l-garanzija ta' kumpens kienet ġiet abolita u li qatt ma ntużat u lanqas rapporti annwali lill-Kummissjoni dwar l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni 2009/610.

35. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni kkritikat lill-awtoritajiet Griegi għall-fatt li ma osservawx l-obbligu tagħhom li ma jagħtux għajnuna ġdida lil EN billi taw għajnuna fi flus lill-impjegati ta' EN wara li din waqfet tħallas il-pagi lill-impjegati tagħha.

36. Bħala konklużjoni, il-Kummissjoni fakkret li, iktar minn sitt snin wara d-Deċiżjoni 2009/610, ir-Repubblika Ellenika kienet għadha ma implimentathiex u għalhekk ma kkonformatx mas-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-485/10, mhux ippubblikata, EU:C:2012:395).

37. L-awtoritajiet Griegi wieġbu għall-ittra ta' intimazzjoni bl-ittra tat-23 ta' Jannar 2015. Minn naħa, fiha huma rreferew għat-tfixkil u n-nuqqas ta' kooperazzjoni min-naħa ta' EN fl-implimentazzjoni tal-impenji stabbiliti fl-ittra tal-1 ta' Diċembru 2010. Min-naħa l-oħra, huma semmew il-ħtieġa li EN tibqa' topera għal tmintax sa għoxrin xahar ieħor biex il-flotta militari tkun tista' tlesti l-bini u l-immodernizzar tas-sottomarini previsti fil-kuntratti "Archimedes" u "Neptune II" fil-faċilitajiet ta' EN.

38. Fl-4 ta' Diċembru 2015, l-awtoritajiet Griegi bagħtu lil EN ordni ta' rkupru li tammonta għal EUR 523 352 889.23, li jirrappreżenta 80 % tal-ammont li kellu jiġi rkuprat, inklużi l-interessi sat-30 ta' Novembru 2015. Matul Marzu 2016, l-awtoritajiet tat-taxxa Griegi adottaw atti ta' implimentazzjoni tal-ordni ta' rkupru. Il-qrati Griegi ċaħdu t-talba ta' EN għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni. Waqt is-seduta, ir-Repubblika Ellenika kkonfermat li r-rikorsi ta' EN kontra dawn l-atti kienu għadhom pendenti.

39. Kien biss fit-3 ta' Frar 2017 li l-awtoritajiet tat-taxxa fetħu proċedura ta' infurzar kontra l-assi ta' EN allokati għall-attivitajiet ċivili tagħha li matulha huma ssekwestraw żewġ baċiri li jżommu f'wiċċ l-ilma fil-21 ta' Marzu 2017. Barra minn hekk, fis-6 ta' Frar 2017, l-awtoritajiet Griegi ħarġu ordnijiet ta' sekwestru f'idejn tliet banek li magħhom EN kellha xi kontijiet. Madankollu, minħabba n-nuqqas ta' fondi ma ġie rkuprat ebda ammont.

40. Fid-29 ta' Ġunju 2017, l-awtoritajiet Griegi bagħtu ittra lil EN fejn stiednuha tħallas l-20 % li kien fadal mill-ammont tal-għajnuna li kellha tiġi rkuprata (inklużi l-interessi sat-30 ta' Ġunju 2017), jiġifieri EUR 95 098 200.99. Peress li dan il-ħlas ma sarx, il-Ministeru tal-Ekonomija inkariga lill-awtoritajiet tat-taxxa biex jirkupraw dan l-ammont permezz tal-ittra tal-31 ta' Lulju 2017.

41. Fit-13 ta' Ottubru 2017, l-awtoritajiet Griegi bdew proċedura quddiem il-qrati Griegi biex EN tiġi suġġetta għal proċedura ta' ġestjoni speċjali stabbilita fl-Artikolu 68 tal-Liġi Nru 4307/2014[16]. Permezz tas-sentenza tagħha Nru 725/2018, tat-8 ta' Marzu 2018, il-Monomeles Protodikeio Athinon (il-Qorti Reġjonali b'Imħallef uniku ta' Ateni, il-Greċja) laqgħet it-talba tal-awtoritajiet Griegi, qiegħdet lil EN taħt ġestjoni speċjali u ħatret amministratur speċjali.

## V. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

42. Fit-22 ta' Frar 2017, il-Kummissjoni ppreżentat dan ir-rikors abbażi tal-Artikolu 260(1) TFUE. Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tikkonstata li billi ma adottatx miżuri għall-eżekuzzjoni tas-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-485/10, mhux ippubblikata, EU:C:2012:395), ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 260(1) TFUE;

16 FEK A' 246/15.11.2014.

– tikkundanna lir-Repubblika Ellenika tħallas penali ta’ EUR 37 974 għal kull jum ta’ dewmien fl-eżekuzzjoni tas-sentenza tat-28 ta’ Ġunju 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-485/10, mhux ippubblikata, EU:C:2012:395) li jibdew jgħoddu mid-data meta tingħata s-sentenza fil-kawża preżenti sal-ġurnata meta s-sentenza fil-kawża msemmija tiġi eżegwita;

– tikkundanna lir-Repubblika Ellenika tħallas somma f’daqqa ta’ EUR 3 828 għal kull jum, mid-data li fiha ngħatat is-sentenza tat-28 ta’ Ġunju 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-485/10, mhux ippubblikata, EU:C:2012:395) sad-data li fiha tingħata s-sentenza f’din il-kawża jew sad-data meta tiġi eżegwita s-sentenza mogħtija fl-imsemmija kawża, jekk din l-eżekuzzjoni ssir qabel l-imsemmija sentenza, u

– tikkundanna lir-Repubblika Ellenika għall-ispejjeż.

43. Ir-Repubblika Ellenika titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad it-talba tal-Kummissjoni, u

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

## VI. Il-proċeduri ta’ arbitraġġ

### *A. Il-proċeduri ta’ arbitraġġ tal-Kamra Internazzjonali tal-Kummerċ (KIK)*

44. Il-Ftehim Qafas u l-Ftehim ta’ Implimentazzjoni [17] fihom klawżoli ta’ arbitraġġ li permezz tagħhom kull tilwima li tikkonċernahom għandha tiġi solvuta permezz ta’ arbitraġġ skont ir-Regoli ta’ Arbitraġġ tal-KIK. Dawn il-klawżoli jipprovdu li t-tribunal tal-arbitraġġ għandu jiltaqa’ f’Ateni (il-Greċja) u jiddeċiedi skont il-liġi Griega.

45. Permezz tat-talba għall-arbitraġġ tagħha tal-11 ta’ Jannar 2013, EN u l-azzjonisti tagħha [18] taw bidu għal proċedura ta’ arbitraġġ (il-Każ KIK Nru 18675/GZ/MHM/AGF/ZF) kontra r-Repubblika Ellenika għall-ksur ta’ dawn il-ftehimiet, kif ukoll tal-kuntratti ta’ bini u mmodernizzar tas-sottomarini konklużi bħala parti minn dawn il-ftehimiet (nuqqas ta’ ħlas tas-somom dovuti). Fost talbiet oħra, EN u l-azzjonisti tagħha talbu d-danni għall-ksur mir-Repubblika Ellenika tal-impenn tagħha li ssolvi l-kwistjoni tal-irkupru tal-għajnuna mill-Istat b’mod konformi mal-Artikolu 11 tal-Ftehim Qafas. F’dan ir-rigward, EN u l-azzjonisti tagħha jilmentaw dwar il-projbizzjoni imposta mir-Repubblika Ellenika li tieħu ordnijiet għall-flotta militari minn Stati oħrajn u li tikseb mill-ġdid il-konċessjoni tal-baċir imbattal mill-ilma.

46. Permezz tat-talba tagħha għall-arbitraġġ tat-23 ta’ April 2014, ir-Repubblika Ellenika tat bidu, abbażi tal-istess klawżola ta’ arbitraġġ, għal proċedura ta’ arbitraġġ (il-Każ KIK Nru 20215/AGF/ZF [19]) kontra EN u l-azzjonisti tagħha għall-ksur tal-Ftehim ta’ Implimentazzjoni u tal-kuntratti għall-bini u l-immodernizzar tas-sottomarini, u b’mod partikolari tal-obbligu li tikkunsinna s-sottomarini fil-kundizzjonijiet u fiż-żmien stabbiliti. Fil-kuntest ta’ din il-proċedura ta’ arbitraġġ, ir-Repubblika Ellenika takkuża lil EN li ma kkooperatx magħha fl-implimentazzjoni tal-impenji adottati stabbiliti fl-ittra tal-1 ta’ Diċembru 2010.

17 Ara l-punti 16 u 17 ta’ dawn il-konklużjonijiet.
18 Il-grupp ThyssenKrupp ma huwiex parti għal din il-proċedura.
19 Kawża pendenti.

47. Fis-27 ta’ Mejju 2014, EN u l-azzjonisti tagħha ppreżentaw talba għal miżuri provviżorji quddiem it-tribunal tal-arbitraġġ tal-KIK intiża sabiex tinkiseb is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta’ żewġ deċiżjonijiet tal-Ministru għad-Difiża Nazzjonali u ta’ deċiżjoni tal-Polymeles Protodikeio Athinon (il-Qorti Għolja ta’ Ateni, il-Greċja) dwar it-tilwim li jirrigwarda l-bini u l-immodernizzar tas-sottomarini.

48. Permezz ta’ ordni provviżorja tal-14 ta’ Ottubru 2014, it-tribunal tal-arbitraġġ tal-KIK ċaħad it-talba. Dan iddeċieda li l-Artikolu 12 tal-Liġi Nru 4237/2014 japplika għall-kredituri privati u pubbliċi kollha, inklużi r-Repubblika Ellenika u l-istituzzjonijiet tagħha, u jipprojbixxi kwalunkwe infurzar kontra l-assi ta’ EN [20].

49. Fit-12 ta’ Mejju 2016, EN u l-azzjonisti tagħha ressqu talba oħra għal miżuri provviżorji quddiem it-tribunal tal-arbitraġġ tal-KIK intiża biex tinkiseb is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-ordni ta’ rkupru maħruġa mill-awtoritajiet Griegi fl-4 ta’ Diċembru 2015 [21]. Huma talbu wkoll lit-tribunal tal-arbitraġġ tal-KIK sabiex jipprojbixxi lill-awtoritajiet Griegi milli jibdew proċeduri ta’ falliment kontra EN waqt il-proċedura ta’ arbitraġġ.

50. Bid-digriet provviżorju tal-5 ta’ Awwissu 2016, it-tribunal tal-arbitraġġ tal-KIK ċaħad din it-talba ta’ EN u tal-azzjonisti tagħha, u ddeċieda li ma setax jinterferixxi fl-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni 2009/610 [22]. Madankollu, dan iddeċieda li l-irkupru tal-għajnuna jista’ jwassal għall-falliment ta’ EN u għalhekk ipprojbixxa lir-Repubblika Ellenika milli tieħu miżura ta’ nazzjonalizzazzjoni ta’ EN, milli tieħu l-amministrazzjoni ta’ EN fil-kontroll tagħha jew milli tissuġġetta lil EN u lill-assi tagħha għal proċedura ta’ insolvenza, mingħajr ma tinformah minn qabel [23].

51. Fl-10 ta’ April 2017, EN u l-azzjonisti tagħha reġgħu ppreżentaw talba għal miżura provviżorja quddiem it-tribunal tal-arbitraġġ tal-KIK intiża għall-adozzjoni ta’ miżuri kawtelatorji li jipprojbixxu lir-Repubblika Ellenika milli tissuġġetta lil EN għall-proċedura ta’ ġestjoni speċjali stabbilita mill-Artikolu 68 tal-Liġi Nru 4307/2014.

52. Permezz tad-Deċiżjoni tas-27 ta’ Ġunju 2017, it-tribunal tal-arbitraġġ tal-KIK fakkar li s-sentenza tiegħu kienet imminenti. Għaldaqstant iddeċieda li l-ftuħ ta’ proċedura ta’ ġestjoni speċjali kontra EN ikollu l-effett li jċaħħad lill-azzjonisti ta’ EN mill-kontroll tagħhom fuq il-kumpannija u li l-amministratur speċjali, magħżul mill-kredituri, jista’ jieħu deċiżjonijiet li jaffettwaw il-pożizzjoni ta’ EN fil-proċedura ta’ arbitraġġ. F’dan il-kuntest, it-tribunal tal-arbitraġġ tal-KIK ordna lir-Repubblika Ellenika biex toqgħod lura minn kwalunkwe miżura li tista’ tibdel il-kontroll fuq EN sakemm tingħata s-sentenza finali [24].

53. Permezz tas-sentenza definittiva tiegħu, it-tribunal tal-arbitraġġ tal-KIK iddeċieda, f’dak li jirrigwarda din il-kawża, li EN kienet qablet validament li tiġi mċaħħda mill-konċessjoni tal-baċir imbattal mill-ilma u li, għaldaqstant, ir-Repubblika Ellenika ma kinitx kisret l-Artikolu 11 tal-Ftehim Qafas f’dan ir-rigward. Dan iddeċieda wkoll li peress li r-Repubblika Ellenika ma awtorizzatx lil EN

20 Ara *Hellenic Shipyards et vs Ir-Repubblika Ellenika* (Każ KIK Nru 18675/GZ/MHM/AGF/ZF), digriet provviżorju tal-14 ta’ Ottubru 2014, punti 111 sa 114. Ara wkoll, f’dan is-sens, *Hellenic Shipyards et vs Ir-Repubblika Ellenika* (Każ KIK Nru 18675/GZ/MHM/AGF/ZF/AYZ), sentenza definittiva tad-29 ta’ Settembru 2017, punti 619 sa 620.

21 Ara l-punt 38 ta’ dawn il-konklużjonijiet.

22 Ara *Hellenic Shipyards et vs Ir-Repubblika Ellenika* (Każ KIK Nru 18675/GZ/MHM/AGF/ZF), digriet provviżorju tal-5 ta’ Awwissu 2016, punti 75, 76 u 92(1).

23 Ara *Hellenic Shipyards et vs Ir-Repubblika Ellenika* (Każ KIK Nru 18675/GZ/MHM/AGF/ZF), digriet provviżorju tal-5 ta’ Awwissu 2016, punti 84 sa 86 u 92(2).

24 Ara *Hellenic Shipyards et vs Ir-Repubblika Ellenika* (Każ KIK Nru 18675/GZ/MHM/AGF/ZF/AYZ), deċiżjoni tas-27 ta’ Ġunju 2017, punti 19 sa 24.

tieħu ordnijiet għall-bini ta' bastimenti tal-gwerra minn pajjiżi oħrajn, hija kienet kisret dik id-dispożizzjoni. Madankollu, fin-nuqqas ta' rabta kawżali bejn dan il-ksur u d-dannu mġarrab minn EN u l-azzjonisti tagħha, dan it-tribunal tal-arbitraġġ ma ordnax lir-Repubblika Ellenika biex tħallas id-danni għal dan il-ksur[25].

54. Waqt is-seduta, ir-Repubblika Ellenika informat lill-Qorti tal-Ġustizzja li hija kienet ippreżentat rikors għal annullament ta' din is-sentenza quddiem il-qrati Griegi. Din il-proċedura għadha pendenti.

### *B. Il-proċedura ta' arbitraġġ quddiem iċ-Ċentru Internazzjonali għas-Soluzzjoni ta' Tilwim dwar Investimenti (ICSID)*

55. Bħala investituri f'EN, is-Sur Iskandar u s-Sur Akram Safa, ċittadini Libaniżi u azzjonisti ta' Privinvest, bdew proċedura ta' arbitraġġ kontra r-Repubblika Ellenika quddiem l-ICSID skont l-Artikolu 9 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Libanu u r-Repubblika Ellenika għall-inkoraġġiment u l-protezzjoni reċiproċi tal-investimenti, konkluż fl-24 ta' Lulju 1997 (iktar 'il quddiem it-"Trattat bilaterali ta' investiment bejn il-Greċja u l-Libanu")[26].

56. Is-Sinjuri Safa jqisu li diversi azzjonijiet tal-awtoritajiet Griegi, fosthom il-projbizzjoni li jittieħdu ordnijiet ta' bastimenti tal-gwerra barranin, jikkostitwixxu ksur tal-protezzjoni mogħtija lill-investituri Libaniżi fil-Greċja mit-Trattat bilaterali ta' investiment bejn il-Greċja u l-Libanu.

57. Din il-proċedura għadha pendenti, minħabba li r-rikorrenti ppreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom dwar il-merti fil-31 ta' Ottubru 2017. Din ġiet ikkomunikata lill-Kummissjoni fid-9 ta' Marzu 2018.

58. Waqt is-seduta, il-Kummissjoni informat lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar it-talbiet tas-Sinjuri Safa li jidhru li jirrepetu diversi argumenti ppreżentati fil-kuntest tal-proċeduri ta' arbitraġġ tal-KIK, fosthom l-assigurazzjonijiet li r-Repubblika Ellenika allegatament tathom rigward in-nuqqas ta' rkupru tal-għajnuna, id-drittijiet tal-użu tal-baċir imbattal mill-ilma u l-projbizzjoni tat-teħid ta' ordnijiet għall-bini ta' bastimenti militari ta' Stati oħrajn.

59. Il-Kummissjoni talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja biex fis-sentenza tagħha tiċċara li, minħabba n-natura fundamentali tal-Artikoli 107 TFUE u 108 TFUE għall-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, ir-Repubblika Ellenika hija obbligata li ma tikkonformax ma' deċiżjoni ta' arbitraġġ mogħtija mit-tribunal tal-arbitraġġ tal-ICSID inkwantu jikkundanna lir-Repubblika Ellenika li tħallas id-danni għall-irkupru eventwali tal-għajnuna jew għall-miżuri meħuda għal dan il-għan bħal-likwidazzjoni ta' EN.

## VII. Fuq in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu

### *A. L-argumenti tal-partijiet*

60. Skont il-Kummissjoni, ir-Repubblika Ellenika naqset mill-obbligu tagħha li timplimenta s-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-485/10, mhux ippubblikata, EU:C:2012:395), peress li ma rkupratx "euro wieħed" mingħand EN skont id-Deċiżjoni 2009/610 u lanqas ma adottat il-miżuri ta' eżekuzzjoni alternattiva kif speċifikati fl-ittra tal-1 ta' Diċembru 2010.

25 Ara *Hellenic Shipyards et vs Ir-Repubblika Ellenika* (Każ KIK Nru 18675/GZ/MHM/AGF/ZF/AYZ), sentenza definittiva tad-29 ta' Settembru 2017, punti 1427 sa 1634 (taħt "Claim 4: EU State aid").

26 Ara Iskandar Safa u Akram Safa vs Ir-Repubblika Ellenika (Kawża ICSID Nru ARB/16/20) irreġistrata mis-Segretarju Ġenerali tal-ICSID fil-5 ta' Lulju 2016.

61. F'dak li jirrigwarda d-Deċiżjoni 2009/610, il-Kummissjoni tqis li, mhux talli r-Repubblika Ellenika ma eżegwietx din id-deċiżjoni, iżda talli ostakolat kwalunkwe infurzar kontra EN billi stabbilixxiet il-moratorju pprovdut fl-Artikolu 12 tal-Liġi Nru 4237/2014[27].

62. F'dak li jirrigwarda l-ittra tal-1 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni ssostni li r-Repubblika Ellenika ma osservat ebda wieħed mill-impenji stabbiliti fiha[28]. Hija żiedet li minflok eżegwew is-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-485/10, mhux ippubblikata, EU:C:2012:395), l-awtoritajiet Griegi jidhru li taw għajnuna finanzjarja ġdida lil EN fil-forma ta' għajnuna finanzjarja lill-impjegati tagħha.

63. F'dak li jirrigwarda l-invokazzjoni tal-Artikolu 346(1) TFUE mir-Repubblika Ellenika waqt il-proċedura prekontenzjuża, il-Kummissjoni tinnota li l-awtoritajiet Griegi qatt ma ddikjaraw li kien assolutament impossibbli li jirkupraw l-għajnuna iżda li, fid-dawl tas-sitwazzjoni ekonomika ta' EN, irkupru kien iwassal għall-falliment u l-likwidazzjoni ta' EN, li kien ikollhom impatt negattiv fuq l-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Greċja peress li kienu jipperikolaw l-eżekuzzjoni tal-kuntratti "Archimedes" u "Neptune II" għall-bini u l-immodernizzar tas-sottomarini.

64. Madankollu, skont il-Kummissjoni, l-ittra tagħha tal-1 ta' Diċembru 2010 kienet tippermetti lill-awtoritajiet Griegi jeżegwixxu d-Deċiżjoni 2009/610 mingħajr ma jipperikolaw l-interessi essenzjali tas-sigurtà tar-Repubblika Ellenika, iżda dawk l-awtoritajiet ma osservawx l-impenji li għalihom tirreferi din l-ittra.

65. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tikkontesta l-merti anki attwalment tal-interessi ta' sigurtà invokati mir-Repubblika Ellenika, peress li l-awtoritajiet Griegi qatt ma spjegaw għalfejn il-bini u l-immodernizzar tas-sottomarini kellhom neċessarjament iseħħu fil-faċilitajiet ta' EN u mhux f'dawk ta' tarzniet oħrajn Griegi, u dan speċjalment wara li l-flotta militari kienet assumiet ir-responsabbiltà prevista fl-Artikolu 26 tal-Liġi Nru 4258/2014 tal-proġett tal-bini u l-immodernizzar tas-sottomarini.

66. Ir-Repubblika Ellenika ssostni li hija ħadet il-miżuri kollha meħtieġa sabiex tikkonforma mas-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-485/10, mhux ippubblikata, EU:C:2012:395).

67. Fir-rigward tad-Deċiżjoni 2009/610, ir-Repubblika Ellenika tirreferi għad-diffikultajiet li ltaqgħet magħhom sabiex tkun tista' tidentifika l-assi allokati għall-attivitajiet ċivili u teżegwixxi l-Artikolu 17 ta' din id-deċiżjoni li jipprovdi li l-għajnuna kellha tiġi rkuprata minn dawn l-assi ta' EN.

68. Skont ir-Repubblika Ellenika, l-Artikolu 12 tal-Liġi Nru 4237/2014 ma huwiex miżura li tirrendi iktar diffiċli l-irkupru tal-għajnuna peress li l-moratorju li introduċiet jostakola l-infurzar tad-djun biss sa fejn l-eżekuzzjoni tista' taffettwa l-attivitajiet militari ta' EN. Din tinnota li l-adozzjoni tal-ordnijiet ta' rkupru u l-bidu tal-proċedura għall-infurzar tagħhom juru li din id-dispożizzjoni ma tagħmilx l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni 2009/610 iktar diffiċli.

69. Barra minn hekk, l-inizjattivi li ttieħdu għall-irkupru, l-ewwel ta' 80 % tal-ammont tal-għajnuna u mbagħad tal-20 % li kien fadal, jikkostitwixxu eżekuzzjoni ta' din id-deċiżjoni.

70. F'dak li jirrigwarda l-ittra tal-1 ta' Diċembru 2010, ir-Repubblika Ellenika rrapportat dwar in-nuqqas ta' kooperazzjoni min-naħa ta' EN, li madankollu kienet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-impenji li jinsabu f'dik l-ittra.

27 Ara l-punt 28 ta' dawn il-konklużjonijiet.
28 Ara l-punti 20 u 22 ta' dawn il-konklużjonijiet.

71. F'dan ir-rigward, din issostni li f'dak li jirrigwarda l-bejgħ tal-assi tagħha allokati għall-attivitajiet ċivili, minn naħa, EN ma kienet adottat ebda miżura għal dan il-għan u, min-naħa l-oħra, l-awtoritajiet Griegi ma setgħux ineħħu waħedhom dawn l-assi mingħand EN mingħajr ma joħolqu kumplikazzjonijiet legali serji, speċjalment fil-proċeduri ta' arbitraġġ.

72. Rigward il-konċessjoni tal-baċir imbattal mill-ilma, ir-Repubblika Ellenika tikkunsidra li hija kkonformat ruħha għal kollox, permezz tal-Artikolu 169(2) tal-Liġi Nru 4099/2012, mal-obbligu tagħha li tirkupra l-art ikkonċernata. Hija tqis li r-restituzzjoni tal-art inkwistjoni lill-Istat Grieg hija ppruvata mill-kopji tar-reġistrazzjoni ta' din l-operazzjoni fir-reġistru tal-ipoteki li l-awtoritajiet Griegi bagħtu lill-Kummissjoni.

73. Fir-rigward tal-projbizzjoni imposta fuq EN li tissokta bl-attivitajiet ċivili tagħha għal perijodu ta' ħmistax-il sena mill-1 ta' Ottubru 2010, ir-Repubblika Ellenika tqis li d-deċiżjoni li ttieħdet għal dan il-għan mill-Bord tad-Diretturi ta' EN fl-14 ta' April 2010, waqt il-130 laqgħa tiegħu, hija biżżejjed biex teżegwixxi l-impenn meħud fl-ittra tal-1 ta' Diċembru 2010. Ir-Repubblika Ellenika tinnota wkoll li ma teżisti l-ebda prova li EN issoktat bl-attivitajiet ċivili tagħha matul il-perijodu ta' projbizzjoni.

74. F'dak li jirrigwarda l-garanzija msemmija fl-Artikolu 16 tad-Deċiżjoni 2009/610, ir-Repubblika Ellenika ssostni li, skont l-ittra tal-1 ta' Diċembru 2010, EN kellha l-obbligu li ma tiftaħx proċeduri abbażi tal-garanzija ta' kumpens jew b'konnessjoni magħha. Sa fejn hija kkonċernata, ir-Repubblika Ellenika għandha biss l-obbligu li tinvoka l-invalidità ta' din il-garanzija quddiem kwalunkwe awtorità ġudizzjarja jew extraġudizzjarja. Sa issa qatt ma ġiet opportunità bħal din.

75. Finalment, fir-rigward tal-evidenza li l-awtoritajiet Griegi kellhom jipprovdu lill-Kummissjoni skont l-ittra tal-1 ta' Ottubru 2010, ir-Repubblika Ellenika tinnota li EN ma ppubblikatx karti tal-bilanċ wara t-30 ta' Settembru 2011 minħabba s-sitwazzjoni ekonomika ħażina tagħha u n-nuqqas ta' attivitajiet ċivili. Ir-Repubblika Ellenika żżid tgħid li minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni min-naħa ta' EN, hija ma tarax kif setgħet iġġiegħel lil EN tagħti lill-Kummissjoni lista tax-xogħlijiet imwettqa fit-tarzna.

76. Fl-aħħar nett, fin-nuqqas ta' kwalunkwe kooperazzjoni min-naħa ta' EN fl-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni 2009/610 kif previst fl-ittra tal-1 ta' Diċembru 2010, ir-Repubblika Ellenika tikkunsidra li fil-prinċipju, EN għandha tkun suġġetta għal proċedura ta' falliment. Madankollu, fid-dawl tal-eżekuzzjoni tal-kuntratti "Archimedes" u "Neptune II" fit-tarzna ta' EN u minħabba l-fatt li l-ftuħ ta' proċedura ta' falliment ikopri kemm l-assi ċivili kif ukoll militari kollha ta' EN, ir-Repubblika Ellenika targumenta li l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni 2009/610 permezz tal-ftuħ ta' proċedura ta' falliment u, eventwalment, permezz tal-likwidazzjoni ta' EN tmur kontra l-interessi essenzjali tas-sigurtà tagħha protetti mill-Artikolu 346(1) TFUE.

## *B. Kunsiderazzjonijiet*

77. Qabel kollox, jeħtieġ li jiġi nnotat li, skont ġurisprudenza stabbilita, id-data ta' riferiment li għandha tintuża f'każ ta' proċedura ta' "nuqqas doppju" għall-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, hija dik tal-iskadenza tal-perijodu stabbilit fl-ittra ta' intimazzjoni mibgħuta abbażi tal-Artikolu 260(2) TFUE [29].

78. F'dan il-każ, peress li fis-27 ta' Novembru 2014, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni lir-Repubblika Ellenika skont l-Artikolu 260(2) TFUE, id-data ta' riferiment għall-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu hija dik tal-iskadenza tat-terminu ta' xahrejn stabbilit f'din l-ittra, jiġifieri s-27 ta' Jannar 2015.

29 Ara s-sentenzi tas-17 ta' Ottubru 2013, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-533/11, EU:C:2013:659, punt 32); tat-13 ta' Mejju 2014, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-184/11, EU:C:2014:316, punt 35); tat-2 ta' Diċembru 2014, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-378/13, EU:C:2014:2405, punt 27); u L-Italja (C-196/13, EU:C:2014:2407, punt 45), kif ukoll tat-22 ta' Frar 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-328/16, EU:C:2018:98, punt 49).

*1. Id-Deċiżjoni 2009/610*

79. Huwa ċar li f'din id-data r-Repubblika Ellenika ma kinitx eżegwiet l-Artikoli 2, 3, 5, 6, 8, 9 u 11 sa 15 tad-Deċiżjoni 2009/610 peress li ma kienet wettqet ebda miżura ta' rkupru tal-għajnuna. Fil-fatt, ordni ta' rkupru parzjali li jammonta għal EUR 523 352 889.23 li kien jirrappreżenta madwar 80 % tal-ammont li għandu jiġi rkuprat, ġiet adottata biss fl-4 ta' Diċembru 2015[30], jiġifieri iktar minn għaxar xhur wara d-data ta' riferiment.

80. Fl-opinjoni tiegħi, il-kwistjoni jekk l-Artikolu 12 tal-Liġi Nru 4237/2014 jipprekludix, kif issostni l-Kummissjoni, l-irkupru tal-għajnuna ma hijiex rilevanti, peress li, anki jekk din hija l-interpretazzjoni li għandha tingħata lil dawn it-termini ambigwi[31], liġi nazzjonali ma tistax tiġġustifika n-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni bħal dik f'din il-kawża u, *a fortiori*, ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

81. F'dak li jirrigwarda l-Artikolu 16 tad-Deċiżjoni 2009/610, li jimponi fuq ir-Repubblika Ellenika l-obbligu li tabolixxi l-garanzija mogħtija minn ETVA lil HDW-Ferrostaal, għandu jiġi enfasizzat li din il-garanzija ngħatat minn ETVA, bank li, mis-sena 2002, ma baqax proprjetà tal-Istat Grieg. F'dan il-kuntest, minkejja li r-Repubblika Ellenika ma tistax iġġiegħel lis-suċċessur fid-dritt ta' ETVA jirrinunzja għall-garanzija, waqt is-seduta, ir-Repubblika Ellenika ma sostnietx li se jkun legalment impossibbli għaliha li tabolixxi l-garanzija inkwistjoni b'liġi jew b'miżura leġiżlattiva oħra li jkollha dak l-effett. Madankollu, ma kinitx ittieħdet miżura bħal din fid-data ta' riferiment. Għaldaqstant ma eżegwitx l-Artikolu 16 tad-Deċiżjoni 2009/610.

82. Peress li l-eżekuzzjoni tal-Artikoli 17 sa 19 tad-Deċiżjoni 2009/610 tiddependi mill-eżekuzzjoni tal-Artikoli 2, 3, 5, 6, 8, 9 u 11 sa 15, huwa ċar li, fid-data ta' riferiment, ir-Repubblika Ellenika ma kinitx eżegwiet l-Artikolu 17 sa 19 ta' din id-deċiżjoni u għalhekk is-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-485/10, mhux ippubblikata, EU:C:2012:395).

*2. L-invokazzjoni tal-Artikolu 346(1) TFUE mir-Repubblika Ellenika*

83. Ir-Repubblika Ellenika tinvoka l-Artikolu 346(1) TFUE sabiex tiġġustifika n-nuqqas ta' eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni 2009/610 billi ssostni li l-ftuħ ta' proċedura ta' falliment kontra EN sabiex tirkupra l-għajnuna inkompatibbli jippreġudika l-eżekuzzjoni tal-kuntratti "Archimedes" u "Neptune II) u għalhekk imur kontra l-interessi essenzjali tas-sigurtà tagħha.

84. Dan l-argument għandu jiġi miċħud għal tliet raġunijiet.

85. Fl-ewwel lok, minn naħa, l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' rkupru ta' għajnuna inkompatibbli ma timplikax neċessarjament u inevitabbilment il-falliment ta' kumpannija f'diffikultà bħal EN. Fil-fatt, jeżistu rimedji ġudizzjarji interni li jippermettu lil din l-impriża tiddefendi ruħha fuq livell nazzjonali kontra l-miżuri ta' rkupru li jistgħu jippermettulha tevita dannu gravi u irreparabbli minħabba l-irkupru tal-għajnuna, bħalma jista' jirriżulta minn likwidazzjoni[32]. Il-likwidazzjoni fil-fatt hija biss l-aħħar miżura alternattiva għall-irkupru tal-għajnuna.

30 Ara l-punt 38 ta' dawn il-konklużjonijiet.

31 It-tribunal tal-arbitraġġ tal-KIK jaqbel mal-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 12 tal-Liġi Nru 4237/2014. Ara l-punti 28 u 48 ta' dawn il-konklużjonijiet.

32 Ara d-digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Diċembru 2011, Alcoa Trasformazioni vs Il-Kummissjoni (C-446/10 P(R), mhux ippubblikata EU:C:2011:829, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

86. Min-naħa l-oħra, fid-data ta' riferiment, ir-Repubblika Ellenika lanqas biss ħarġet l-ordni ta' rkupru tal-għajnuna meta ordni bħal din ma kinitx tqiegħed lil EN f'falliment[33] u lanqas ma kienet tfixkel l-interessi essenzjali tas-sigurtà tagħha. B'hekk, din lanqas ma kienet ħadet l-iktar miżura essenzjali biex tibda l-irkupru tal-għajnuna.

87. Barra minn hekk, xejn ma kien iżommha milli titlob lill-qrati Griegi biex iqiegħdu lil EN f'ġestjoni speċjali, ħaġa li diġà setgħet tagħmel fid-data ta' riferiment (jiġifieri fis-27 ta' Jannar 2015), iżda li r-Repubblika Ellenika ma għamlitx qabel is-17 ta' Ottubru 2017, iktar minn sentejn tard.

88. Fit-tieni lok, l-Artikolu 346(1) TFUE għandu jiġi interpretat b'mod strett[34] b'mod li "miżuri li jkollhom x'jaqsmu mal-manifattura jew mal-kummerċ tal-armi, munizzjon u materjal tal-gwerra ma għandhomx ifixklu l-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern f'dak li jikkonċerna prodotti oħra, jiġifieri dawk li ma jkunux intiżi għall-għanijiet speċifikament militari"[35]. [Traduzzjoni mhux uffiċjali]

89. Madankollu, in-nuqqas ta' rkupru tal-għajnuna inkompatibbli, mogħtija għall-attivitajiet ċivili ta' EN, għandu l-effett oppost għal dak meħtieġ minn din id-dispożizzjoni peress li jippermetti d-distorsjoni tal-kompetizzjoni. F'dan ir-rigward, il-fatt li EN fil-fatt ma twettaqx attivitajiet ċivili ma jimplikax li ma kienx hemm distorsjoni tal-kompetizzjoni.

90. Fit-tielet u l-aħħar lok, anki kieku l-argument tar-Repubblika Ellenika kien fondat, xorta għad irid jiġi kkonstatat li kien hemm qbil komuni bejn il-Kummissjoni, ir-Repubblika Ellenika u EN dwar l-impenji msemmija fl-ittra tal-1 ta' Diċembru 2010 biex tiġi eżegwita d-Deċiżjoni 2009/610 mingħajr ma jiġu kompromessi l-interessi essenzjali tas-sigurtà tar-Repubblika Ellenika[36]. Fil-fatt, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, din l-ittra "[ma] ssostitwiet[x] id-Deċiżjoni 2009/610, [u] ma tagħmilx ħlief tieħu att tal-impenji finali tal-awtoritajiet Elleniċi [kif ukoll li] tindika li, jekk kienu effettivament implementati, il-Kummissjoni tikkunsidra li d-Deċiżjoni 2009/610 ġiet implimentata b'mod sħiħ"[37] [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Madankollu, ir-Repubblika Ellenika ma rrispettatx l-obbligi tagħha.

*3. In-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-impenji deskritti fl-ittra tal-1 ta' Diċembru 2010*

*a) L-interruzzjoni tal-attivitajiet ċivili ta' EN*

91. Fir-rigward tal-interruzzjoni min-naħa ta' EN tal-attivitajiet ċivili tagħha għal perijodu ta' ħmistax-il sena, għandu qabel kollox jiġi nnotat li, fl-ittra ta' impenn tagħha tas-27 ta' Ottubru 2010, EN kienet aċċettat din l-interruzzjoni u kienet indikat li, f'dan ir-rigward, kienet se tipprovdi deċiżjoni tal-Bord tad-Diretturi tagħha bħala prova ta' din l-interruzzjoni[38].

92. Madankollu, id-deċiżjoni li ttieħdet fl-14 ta' April 2010 mill-Bord tad-Diretturi tagħha waqt il-130 laqgħa tiegħu u li fuqha tibbaża ruħha r-Repubblika Ellenika ma tkoprix dan l-impenn peress li din seħħet qabel l-ittra ta' impenn ta' EN tas-27 ta' Ottubru 2010, u ma tinkludi ebda deċiżjoni ta' interruzzjoni tal-attivitajiet ċivili għal perijodu ta' ħmistax-il sena. Għall-kuntrarju, din sempliċiment tgħid li "l-attività mhux navali bħalissa hija wieqfa għalkollox".

33 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Lulju 2015, Il-Kummissjoni vs Franza (C-63/14, EU:C:2015:458, punt 54).

34 Ara s-sentenzi tas-7 ta' Ġunju 2012, Insinööritoimisto InsTiimi (C-615/10, EU:C:2012:324, punt 35) u tat-28 ta' Frar 2013, Ellinika Nafpigeia vs Il-Kummissjoni (C-246/12 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:133, punt 17).

35 Sentenza tat-28 ta' Frar 2013, Ellinika Nafpigeia vs Il-Kummissjoni (C-246/12 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:133, punt 20).

36 Ara l-punti 20 u 21 ta' dawn il-konklużjonijiet.

37 Sentenza tat-28 ta' Ġunju 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-485/10, mhux ippubblikata, EU:C:2012:395, punt 38).

38 Din il-kwistjoni hija differenti minn dik ta' jekk EN interrompitx *de facto* l-attivitajiet ċivili tagħha minħabba n-nuqqas ta' xogħol.

93. Imbagħad, kif jirriżulta mis-sentenza definittiva tat-tribunal tal-arbitraġġ tal-KIK, permezz tal-ittra tal-24 ta' Novembru 2010, Privinvest esprimiet b'mod ċar in-nuqqas ta' qbil tagħha mal-impenji li ħadet EN fl-ittra tagħha tas-27 ta' Ottubru 2010 ffirmata mill-bord l-antik, b'mod partikolari mal-projbizzjoni tar-riakkwist tal-assi ċivili u tal-konċessjoni tal-baċir imbattal mill-ilma[39]. Minħabba dan in-nuqqas ta' qbil mill-azzjonist maġġoritarju tagħha mal-impenji tagħha, ma huwiex sorprendenti li l-Bord tad-Diretturi ta' EN qatt ma ħa deċiżjoni formali li jinterrompi l-attivitajiet ċivili.

*b) Il-bejgħ tal-assi ċivili jew ir-restituzzjoni tagħhom lill-Istat Grieg*

94. Fir-rigward tal-bejgħ tal-assi relatati mal-attivitajiet ċivili ta' EN, kien hemm qbil bejn l-awtoritajiet Griegi u EN li, jekk l-irkant ma jwassalx għall-bejgħ ta' dawn l-assi ċivili kollha jew ta' parti minnhom, EN tittrasferihom lill-Istat Grieg bħala eżekuzzjoni alternattiva tal-obbligu tal-irkupru tal-għajnuna.

95. Għalkemm EN xejn ma kkooperat mal-awtoritajiet Griegi sabiex timplimenta dan l-impenn[40], xorta jibqa' l-fatt li l-Istat Grieg ma użax il-mezzi ta' poter pubbliku li għandu biex jissekwestra u jirkupra dawn l-assi.

96. F'dan ir-rigward, ir-Repubblika Ellenika targumenta li ma setgħetx tieħu unilateralment dawn l-assi mingħand EN mingħajr ma toħloq kumplikazzjonijiet legali serji, u b'mod partikolari d-deterjorament tal-pożizzjoni tagħha fil-proċedura ta' arbitraġġ tal-KIK mibdija kontriha minn EN u l-azzjonisti tagħha[41].

97. Fil-fatt, fil-kuntest tal-proċedura ta' arbitraġġ tagħhom, EN u l-azzjonisti tagħha kkritikaw l-intenzjoni tagħha li tissokta bl-esproprjazzjoni jew bin-nazzjonalizzazzjoni ta' EN permezz tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni 2009/610 jew bl-implimentazzjoni tal-impenji li jinsabu fl-ittra tal-1 ta' Diċembru 2010.

98. Permezz tad-digriet provviżorju tiegħu[42], it-tribunal tal-arbitraġġ tal-KIK kien tabilħaqq ipprojbixxa lir-Repubblika Ellenika milli tieħu miżuri ta' nazzjonalizzazzjoni, ta' sekwestru jew ta' pussess tal-assi ta' EN mingħajr ma tinformah minn qabel.

99. Barra minn hekk, akkwist bħal dan tal-assi ċivili ta' EN seta' jippreġudika l-pożizzjoni tar-Repubblika Ellenika fil-proċedura ta' arbitraġġ tal-ICSID imnedija kontriha mis-Sinjuri Safa għall-ksur tal-protezzjoni mogħtija lill-investituri Libaniżi fil-Greċja mit-Trattat bilaterali ta' investiment bejn il-Greċja u l-Libanu.

100. Madankollu, ebda waħda minn dawn iċ-ċirkustanzi ma tikkostitwixxi ġustifikazzjoni biex ma jittiħdux il-miżuri meħtieġa biex jiġu eżegwiti l-impenji msemmija fl-ittra tal-1 ta' Diċembru 2010 sabiex tiġi eżegwita d-Deċiżjoni 2009/610, speċjalment fid-dawl tal-fatt li meta ffirmat l-ittra ta' impenji tas-27 ta' Ottubru 2010, EN kienet aċċettat li l-Istat Grieg jakkwista l-assi tagħha allokati għall-attivitajiet ċivili f'każ li ma jkunx possibbli li jinbiegħu bl-irkant.

39 Ara *Hellenic Shipyards et vs Ir-Repubblika Ellenika* (Każ KIK Nru 18675/GZ/MHM/AGF/ZF/AYZ), sentenza definittiva tad-29 ta' Settembru 2017, punti 341 sa 348.

40 Ara l-punt 93 ta' dawn il-konklużjonijiet.

41 Il-proċeduri ta' arbitraġġ mibdija f'din il-kawża juru li t-tribunali tal-arbitraġġ kummerċjali jkollhom jittrattaw kwistjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, anki fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat. L-impossibbiltà tagħhom, fil-prinċipju, li jirreferu domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja (li din ikkonfermat dan l-aħħar fil-każ tat-tribunali tal-arbitraġġ stabbiliti minn ftehimiet bejn Stati Membri [ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-6 ta' Marzu 2018, Achmea, (C-284/16, EU:C:2018:158, punti 45 sa 49]) toħloq problema għall-konsistenza fl-applikazzjoni u fl-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, speċjalment fl-oqsma l-iktar sensittivi bħal dak tal-liġi dwar il-kompetizzjoni u l-għajnuna mill-Istat.

42 Ara *Hellenic Shipyards et. vs Ir-Repubblika Ellenika* (Kawża KIK Nru 18675/GZ/MHM/AGF/ZF), digriet provviżorju tal-5 ta' Awwissu 2016, punti 79 sa 86 u 92(2).

*c) Il-konċessjoni tal-baċir imbattal mill-ilma*

101. Il-konċessjoni tal-baċir imbattal mill-ilma ngħatat lil EN permezz tal-Artikolu 1(15) tal-Liġi Nru 2302/1995. Għaldaqstant, din setgħet tiġi abolita biss permezz ta' dispożizzjoni leġiżlattiva, xi ħaġa li saret permezz tal-Artikolu 169(2) tal-Liġi Nru 4099/2012.

102. Madankollu, kemm it-tribunal tal-arbitraġġ tal-KIK kif ukoll il-Monomeles Protodikeio Athinon (il-Qorti Għolja b'Imħallef uniku ta' Ateni) ikkonstataw li EN qatt ma rrestitwiet l-art pubblika koperta mill-konċessjoni tal-baċir imbattal mill-ilma [43]. Fil-fatt, peress li EN u l-azzjonisti tagħha kienu qed jikkontestaw l-impenn li din kienet ħadet fl-ittra tagħha tas-27 ta' Ottubru 2010 li tirritorna din l-art lill-Istat Grieg, EN qatt ma rritornat din l-art.

103. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkunsidra ġustament li l-Artikolu 169(2) tal-Liġi Nru 4099/2012 ma huwiex suffiċjenti fih innifsu biex jimplimenta l-impenn inkwistjoni.

*d) Il-garanzija ta' kumpens*

104. Rigward il-garanzija ta' kumpens imsemmija fl-Artikolu 16 tad-Deċiżjoni 2009/610, għandu jiġi nnotat li, skont l-ittra tal-1 ta' Diċembru 2010, EN tirrinunzja għaliha u ma tressaq ebda proċedura fuq il-bażi tagħha jew b'konnessjoni magħha. Mill-proċess ma jirriżultax li din ir-rinunzja seħħet u lanqas li r-Repubblika Ellenika abolixxiet din il-garanzija b'mezzi leġiżlattivi [44]. Għaldaqstant, din ma osservatx dan l-obbligu.

*e) Ir-rapporti annwali*

105. Finalment, f'dak li jirrigwarda r-rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2009/610 li l-awtoritajiet Griegi kellhom ifasslu u jibagħtu lill-Kummissjoni, dawn kellhom jinkludu provi li juru li EN ma kienet qed twettaq ebda attività ċivili u informazzjoni dwar is-sitwazzjoni (proprjetà u użu) tal-assi rkuprati mill-awtoritajiet Griegi.

106. Anki jekk wieħed jaċċetta li fin-nuqqas ta' karti tal-bilanċ annwali mħejjija minn EN, kien diffiċli għall-awtoritajiet Griegi li jagħtu prova tal-interruzzjoni tal-attivitajiet ċivili, xorta jibqa' l-fatt li l-awtoritajiet Griegi ma rkuprawx l-assi ta' EN allokati għall-attivitajiet ċivili tagħha skont l-impenn iddettaljat fl-ittra tal-1 ta' Diċembru 2010. Għaldaqstant, ir-Repubblika Ellenika lanqas ma setgħet tirrispetta l-obbligu li tħejji r-rapporti annwali inkwistjoni rigward il-proprjetà u l-użu tal-assi ċivili rkuprati.

107. Minn dak li ntqal jirriżulta li r-Repubblika Ellenika ma eżegwietx l-impenji tagħha stipulati fl-ittra tal-1 ta' Diċembru 2010. Għalhekk hija ċaħħdet lilha nfisha mill-opportunità li teżegwixxi d-Deċiżjoni 2009/610 mingħajr ma tikkomprometti l-interessi essenzjali tas-sigurtà tagħha. Inkwantu setgħet timplimenta l-impenji stabbiliti fl-ittra tal-1 ta' Diċembru 2010 u ma għamlitx hekk, hija ma tistax tibbaża ruħha fuq l-Artikolu 346(1) TFUE, anki jekk tali aġir kien parzjalment jew kompletament iddettat mill-istrateġija ta' difiża tagħha fil-proċeduri ta' arbitraġġ bejnha, EN u l-azzjonisti tagħha.

43 Ara *Hellenic Shipyards et vs Ir-Repubblika Ellenika* (Kawża KIK Nru 18675/GZ/MHM/AGF/ZF/AYZ) sentenza definittiva tad-29 ta' Settembru 2017, punti 373, 374, 422, 424 u 573 sa 578, kif ukoll is-sentenza Nru 725/2018, tat-8 ta' Marzu 2018, tal-Monomeles Protodikeio Athinon (il-Qorti Għolja b'Imħallef uniku ta' Ateni), p. 13.

44 Ara l-punt 81 ta' dawn il-konklużjonijiet.

108. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li, billi ma ħaditx il-miżuri kollha relatati mal-eżekuzzjoni tas-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-485/10, mhux ippubblikata, EU:C:2012:395), ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 260(1) TFUE.

## VIII. Fuq is-sanzjonijiet pekunjarji

109. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li r-Repubblika Ellenika ma kkonformatx mas-sentenza tagħha tat-28 ta' Ġunju 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-485/10, mhux ippubblikata, EU:C:2012:395), hija tista', skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 260(2) TFUE, timponi fuq dan l-Istat Membru l-ħlas ta' penali u/jew ta' somma f'daqqa.

110. Fid-dawl tan-natura differenti taż-żewġ sanzjonijiet li qed titlob il-Kummissjoni, hemm lok li tiġi eżaminata separatament il-kwistjoni tal-possibbiltà ta' kundanna tar-Repubblika Ellenika għall-ħlas ta' pagamenti ta' penali u dik tal-kundanna tagħha għall-ħlas ta' somma f'daqqa, kif ukoll, skont il-każ, il-kwistjoni tal-ammont ta' dawn is-sanzjonijiet.

### *A. Fuq il-penali*

#### *1. L-argumenti tal-partijiet*

111. Fuq il-bażi tal-Komunikazzjoni tagħha dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 260 TFUE [45], il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkundanna lir-Repubblika Ellenika biex tħallas penali ta' EUR 34 974 kuljum.

112. Skont din il-Komunikazzjoni, l-ammont tal-penali ta' kuljum huwa kkalkolat billi jiġi mmultiplikat ammont bażiku fiss ta' EUR 670 b'koeffiċjent tal-gravità u koeffiċjent tad-dewmien [46]. Sussegwentement, ir-riżultat miksub għandu jiġi mmultiplikat b'fattur "n" li jieħu inkunsiderazzjoni kemm il-kapaċità ta' ħlas tal-Istat Membru kkonċernat kif ukoll in-numru ta' voti li dan tal-aħħar għandu fil-Kunsill.

113. Biex tiddetermina l-koeffiċjent tal-gravità (minn "1 sa 20"), il-Kummissjoni kkunsidrat in-natura fundamentali tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar l-għajnuna mill-Istat, l-effett detrimentali li l-għajnuna inkompatibbli u mhux irkuprata kellha fuq is-settur tat-tarzniet, l-ammont kunsiderevoli tal-għajnuna li kellu jiġi rkuprat, il-fatt li r-Repubblika Ellenika, sa llum, għadha ma rkupratx lanqas euro wieħed u r-repetizzjoni tal-imġiba illegali ta' dan l-Istat Membru fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat. Fuq din il-bażi, hija stabbilixxiet il-valur tal-koeffiċjent tal-gravità tal-ksur għal "5".

114. Fir-rigward tad-dewmien tal-ksur, il-Kummissjoni qieset it-48 xahar li għaddew bejn is-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C 485/10, mhux ippubblikata, EU:C:2012:395) u d-data li fiha hija ressqet it-talba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri t-22 ta' Lulju 2016. Fuq din il-bażi hija ffissat il-valur massimu possibbli tal-koeffiċjent tad-dewmien, jiġifieri l-valur "3".

115. Ir-Repubblika Ellenika tikkontesta l-koeffiċjenti tal-gravità u tad-dewmien tal-ksur stabbiliti mill-Kummissjoni. F'dan ir-rigward, hija targumenta li l-Kummissjoni ma kkunsidratx sensiela ta' elementi li jnaqqsu l-gravità tal-ksur, bħall-fatt li EN ilu ma jkollha attività ċivili mill-2010 u għalhekk ma għadhiex tikkompeti ma' kumpaniji oħra fis-settur navali. Hija tirreferi wkoll għal diversi

45 Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni SEC(2005) 1658 tat-13 ta' Diċembru 2005 (ĠU 2007, C 126, p. 15), kif aġġornata mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - L-aġġornament tad-dejta użata biex jiġu kkalkolati s-somma f'daqqa u l-pagamenti ta' penali li għandhom jiġu proposti mill-Kummissjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja fi proċedimenti ta' ksur (ĠU 2017, C 431 p. 3). F'din il-kawża il-Kummissjoni użat il-Komunikazzjoni tagħha C(2015) 5511 finali tal-5 ta' Awwissu 2015.

46 Il-koeffiċjent ta' gravità jvarja minn "1 sa 20". Il-koeffiċjent tad-dewmien huwa ta' "0.10" għal kull xahar ta' kemm idum il-ksur.

diffikultajiet li ltaqgħet magħhom fl-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni 2009/610 fosthom id-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ tal-KIK tas-27 ta' Ġunju 2017[47]. Finalment, hija tikkontesta l-allegata repetizzjoni tal-imġiba illegali tagħha fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat. Għal dawn ir-raġunijiet, hija tqis li l-koeffiċjenti tal-gravità u tad-dewmien ma jistgħux ikunu ikbar minn "1".

116. F'dak li jirrigwarda l-kapaċità li tħallas, il-Kummissjoni tipproponi li jintuża l-fattur speċjali "n" l-iktar reċenti fil-mument meta tingħata s-sentenza. Skont il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, dan il-fattur huwa kkalkolat skont il-formula li ġejja[48]:

$$\sqrt{\frac{PDG\,n}{PDG\,Lux} \times \frac{Voti\,n}{Voti\,Lux}}$$

117. Fir-rigward tal-Greċja, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni l-iktar reċenti tiffissa dan il-fattur għal 3.17[49].

118. Ir-Repubblika Ellenika tqis li l-fattur speċjali "n" applikat għandu jkun l-iktar reċenti possibbli sabiex jittieħed inkunsiderazzjoni t-tnaqqis kunsiderevoli tal-PGD fil-Greċja. Hija tikkritika lill-Kummissjoni talli ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-istat attwali tal-ekonomija Griega u l-fatt li l-pajjiż għadu suġġett għal programm ta' aġġustament makroekonomiku peress li ma jistax jiffinanzja lilu nnifsu b'mod effettiv mis-swieq finanzjarji. Finalment, din tqis li l-fattur speċjali "n" ma ġiex ikkalkolat korrettament peress li mill-1 ta' April 2017, it-Trattat FUE abbanduna b'mod definittiv is-sistema tal-voti ponderati fil-Kunsill[50] u ssostitwiha b'sistema ta' maġġoranza doppja tal-Istati Membri u tal-popolazzjonijiet li tistabbilixxi li kull Stat Membru għandu biss vot wieħed fil-Kunsill. Għalhekk ir-Repubblika Ellenika tikkunsidra li l-Istati Membri li għandhom popolazzjoni u PGD simili għal tagħha tilfu ħafna mill-influwenza tagħhom fil-Kunsill.

*2. Kunsiderazzjonijiet*

119. Skont ġurisprudenza stabbilita, "l-impożizzjoni ta' pagamenti ta' penalità, fil-prinċipju, hija biss iġġustifikata jekk in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu minħabba l-ineżekuzzjoni ta' sentenza preċedenti jissokta sal-eżami tal-fatti mill-Qorti tal-Ġustizzja"[51]. Barra minn hekk, il-pagamenti ta' penali għandhom jiġu imposti biss fil-każ li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu jissokta sad-data tal-għoti ta' din is-sentenza[52].

47 Ara l-punti 51 u 52 ta' dawn il-konklużjonijiet.

48 PGD n = prodott gross domestiku (PGD) tal-Istat Membru inkwistjoni, f'miljuni ta' euro, PGD Lux = PGD tal-Lussemburgu, Voti n = numru ta' voti li għandu l-Istat Membru inkwistjoni fil-Kunsill skont il-ponderazzjoni stabbilita fl-Artikolu 205 tat-TKE, Voti Lux = numru ta' voti tal-Lussemburgu.

49 Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — L-aġġornament tad-dejta użata biex jiġu kkalkolati s-somma f'daqqa u l-pagamenti ta' penali li għandhom jiġu proposti mill-Kummissjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-proċedimenti ta' ksur (ĠU 2017, C 431, p. 3).

50 Ara l-Artikolu 16(4) TUE u l-Artikolu 3(3) tal-Protokoll (Nru 36) dwar id-dispożizzjonijiet tranżitorji (ĠU 2012, C 326, p. 322).

51 Sentenza tat-2 ta' Diċembru 2014, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-378/13, EU:C:2014:2405, punt 47) u l-ġurisprudenza ċċitata. Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Diċembru 2014, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-196/13, EU:C:2014:2407, punt 87), u s-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2016, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-557/14, EU:C:2016:471, punt 61).

52 Ara s-sentenza tat-2 ta' Diċembru 2014, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-378/13, EU:C:2014:2405, punt 51).

120. F'dan il-każ, inqis li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu minħabba n-nuqqas ta' eżekuzzjoni tas-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C 485/10, mhux ippubblikata, EU:C:2012:395) dam tal-inqas sal-preżentazzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet. Fil-fatt, ir-Repubblika Ellenika la eżegwiet id-Deċiżjoni 2009/610, u lanqas l-impenji kollha dettaljati fl-ittra tal-1 ta' Diċembru 2010. Għalkemm it-tqegħid f'ġestjoni speċjali ta' EN[53] huwa pass neċessarju għall-irkupru tal-għajnuna ddikjarata inkompatibbli mid-Deċiżjoni 2009/610, fih innifsu dan ma huwiex suffiċjenti biex jitqies li r-Repubblika Ellenika eżegwiet l-obbligi li kellha taħt din id-deċiżjoni.

121. F'dawn iċ-ċirkustanzi, inqis li l-kundanna tar-Repubblika Ellenika għall-ħlas ta' penali hija mezz xieraq biex tiġi żgurata l-eżekuzzjoni sħiħa tas-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-485/10, mhux ippubblikata, EU:C:2012:395).

122. Fir-rigward tal-ammont u tal-għamla ta' din il-penali, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "hija l-Qorti tal-Ġustizzja, fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħha, skont ġurisprudenza stabbilita, li għandha tistabbilixxi l-pagamenti ta' penali b'mod li jkunu, minn naħa, adatti għaċ-ċirkustanzi u, min-naħa l-oħra, proporzjonati mal-ksur ikkonstatat, kif ukoll, mal-kapaċità ta' ħlas tal-Istat Membru kkonċernat […]. Il-proposti tal-Kummissjoni li jikkonċernaw il-pagamenti ta' penali ma jistgħux jorbtu lill-Qorti tal-Ġustizzja u huma biss punt ta' riferiment utli. Bl-istess mod, linji gwida bħal dawk inklużi fil-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja, iżda jikkontribwixxu sabiex tiġi ggarantita t-trasparenza, il-prevedibbiltà u ċ-ċertezza legali tal-azzjoni meħuda mill-Kummissjoni nnfisha meta din l-istituzzjoni tagħmel proposti lill-Qorti tal-Ġustizzja […]. Fil-fatt, fil-kuntest ta' proċedura bbażata fuq l-Artikolu 260(2) TFUE dwar nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li jissokta min-naħa ta' Stat Membru minkejja l-fatt li dan l-istess nuqqas ikun diġà ġie kkonstatat f'sentenza inizjali mogħtija abbażi […] tal-Artikolu 258 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jibqa' jkollha l-libertà li tistabbilixxi l-pagamenti ta' penali imposti fl-ammont u fl-għamla li hija tikkunsidra xierqa sabiex tinkoraġġixxi lil dan l-Istat Membru jtemm l-ineżekuzzjoni tal-obbligi li jirriżultaw minn din is-sentenza inizjali tal-Qorti tal-Ġustizzja"[54].

123. Skont din l-istess ġurisprudenza, "[g]ħall-finijiet tal-istabbiliment tal-ammont tal-pagamenti ta' penali, il-kriterji bażiċi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tiġi żgurata n-natura koerċittiva ta' dawn tal-aħħar fid-dawl tal-applikazzjoni uniformi u effettiva tad-dritt tal-Unjoni huma, fil-prinċipju, il-gravità tal-ksur, it-tul tiegħu u l-kapaċità ta' ħlas tal-Istat Membru inkwistjoni. Għall-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji, hemm lok li jiġu kkunsidrati, b'mod partikolari, il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni fuq l-interessi privati u pubbliċi, kif ukoll l-urġenza mixtieqa sabiex l-Istat Membru kkonċernat jikkonforma ruħu mal-obbligi tiegħu"[55].

124. F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, il-gravità tal-ksur, għandu jitfakkar li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar l-għajnuna mill-Istat għandhom natura fundamentali peress li jikkostitwixxu l-espressjoni ta' waħda mill-missjonijiet essenzjali mogħtija lill-Unjoni skont l-Artikolu 3(1)(c) TFUE[56].

53 Ara l-punt 41 ta' dawn il-konklużjonijiet.

54 Sentenza tat-2 ta' Diċembru 2014, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-378/13, EU:C:2014:2405, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Diċembru 2014, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-196/13, EU:C:2014:2407, punti 95 u 96 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

55 Sentenza tat-2 ta' Diċembru 2014, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-378/13, EU:C:2014:2405, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Diċembru 2014, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-196/13, EU:C:2014:2407, punt 97); tat-22 ta' Ġunju 2016, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-557/14, EU:C:2016:471, punt 70), kif ukoll tat-22 ta' Frar 2018 Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-328/16, EU:C:2018:98, punt 92).

56 Ara s-sentenza tas-7 ta' Lulju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-369/07, EU:C:2009:428, punti 118 sa 121 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2012, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-610/10, EU:C:2012:781, punti 125 sa 127).

125. F'dan il-każ, biżżejjed li wieħed jinnota li l-awtoritajiet Griegi sa issa għadhom ma rkuprawx euro wieħed mill-għajnuna inkompatibbli sabiex jikkonformaw mas-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-485/10, mhux ippubblikata, EU:C:2012:395). Għall-kuntrarju, l-ammont li għandu jiġi rkuprat qed jiżdied kontinwament bl-interessi applikabbli u sal-ħin tas-seduta, jeċċedi EUR 670 miljun, jiġifieri iktar minn 2.6 darbiet l-ammont inizjali.

126. Il-fatt li, skont ir-Repubblika Ellenika, EN ma għadhiex teżerċita attivitajiet ċivili ma għandu l-ebda effett fuq il-gravità tal-ksur, peress li bl-ebda mod ma jnaqqas il-vantaġġ ekonomiku li kisbet, sadanittant, fil-forma ta' għajnuna mill-Istat inkompatibbli matul il-perijodu li fih din kienet twettaq tali attività.

127. F'dawn iċ-ċirkustanzi, inqis li meta għażlet koeffiċjent ta' gravità ta' "5", il-Kummissjoni ma qisitx b'mod korrett il-gravità tal-ksur fil-proposta tagħha tal-penali.

128. Għalkemm, fil-kawża li wasslet għas-sentenza tas-7 ta' Lulju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-369/07, EU:C:2009:428), il-Qorti tal-Ġustizzja imponiet penali ta' EUR 16 000 kuljum, somma li skont il-Kummissjoni tikkorrispondi f'dan il-każ għal koeffiċjent ta' gravità "3", il-Qorti tal-Ġustizzja kienet aċċettat li "l-ammonti ta' għajnuna li għalihom [ir-Repubblika Ellenika] ma pproduċietx il-prova ta' ħlas lura [kienu jikkostitwixxu biss] parti relattivament żgħira meta mqabbla mas-somma totali li kienet is-suġġett tad-deċiżjoni [tal-Kummissjoni]" [57].

129. Madankollu, f'dan il-każ, hemm assenza totali tal-irkupru tal-għajnuna jew ta' eżekuzzjoni tal-impenji stabbiliti fl-ittra tal-1 ta' Diċembru 2010. Għaldaqstant jidhirli li koeffiċjent ta' gravità "5" assolutament ma huwiex xieraq għaċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża [58].

130. Fit-tieni lok, rigward it-tul ta' żmien tal-ksur li għandu jiġi evalwat waqt l-evalwazzjoni tal-fatti mill-Qorti tal-Ġustizzja [59], ninnota li se jkunu għaddew kważi sitt snin mid-data li fiha ngħatat is-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-485/10, mhux ippubblikata, EU:C:2012:395). Għaldaqstant, it-tul ta' żmien tal-ksur huwa kunsiderevoli.

131. Fil-fatt, minkejja li l-Artikolu 260(1) TFUE ma jippreċiżax it-terminu li fih għandha ssir l-eżekuzzjoni ta' sentenza, l-interess marbut ma' applikazzjoni immedjata u uniformi tad-dritt tal-Unjoni jeħtieġ, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, li din l-eżekuzzjoni tinbeda immedjatament u tintemm mill-iktar fis possibbli [60].

132. Fit-tielet lok, fir-rigward tal-kapaċità ta' ħlas tar-Repubblika Ellenika, il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat b'mod konsistenti, sabiex tikkalkola s-sanzjonijiet finanzjarji, li tieħu inkunsiderazzjoni l-PGD tal-Istat Membru kkonċernat u l-għadd ta' voti li għandu fil-Kunsill [61].

57 Ara s-sentenza tas-7 ta' Lulju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-369/07, EU:C:2009:428, punt 122).

58 Fil-kawża li tat lok għas-sentenza tat-12 ta' Lulju 2005, Il-Kummissjoni vs Franza (C-304/02, EU:C:2005:444), il-Kummissjoni kienet użat koeffiċjent ta' gravità ta' "10". Hija kkritikat lir-Repubblika Franċiża għal nuqqas ta' konformità tad-daqs minimu tal-malji tax-xbiek mar-regolamenti tal-Unjoni, kontrolli insuffiċjenti fuq il-bejgħ ta' ħut li ma kienx laħaq id-daqs minimu, u attitudni permissiva tal-awtoritajiet Franċiżi fl-indirizzar ta' dan il-ksur. Waqt is-seduta, il-Kummissjoni ddikjarat li, f'ċerti kawżi ta' "nuqqas doppju" rigward għajnuna mill-Istat, hija kienet użat koeffiċjenti ta' gravità li telgħu sa "7 jew 8".

59 Ara s-sentenza tat-2 ta' Diċembru 2014, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-378/13, EU:C:2014:2405, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata).

60 Ara s-sentenzi tat-22 ta' Ġunju 2016, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, (C-557/14, EU:C:2016:471, punt 77 u l-ġurisprudenza ċċitata) u tat-22 ta' Frar 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-328/16, EU:C:2018:98, punt 100).

61 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-4 ta' Lulju 2000, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-387/97, EU:C:2000:356, punt 88); tal-25 ta' Novembru 2003, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-278/01, EU:C:2003:635, punt 59); tal-10 ta' Jannar 2008, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-70/06, EU:C:2008:3, punt 48), kif ukoll tal-4 ta' Ġunju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-109/08, EU:C:2009:346, punt 42).

133. Rigward il-PGD, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet fir-rigward tar-Repubblika Ellenika, li l-PGD tagħha naqas ħafna mill-2010 'l hawn b'riżultat tal-kriżi tad-dejn sovran tagħha, li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni l-evoluzzjoni reċenti ta' dan il-PGD [62].

134. Għal dan il-għan, għandu jitqies il-fatt li l-PGD Grieg naqas b'25.5 % bejn l-2010 u l-2016 [63].

135. Fir-rigward tal-kriterju tan-numru ta' voti li għandha r-Repubblika Ellenika fil-Kunsill, għandu jitqies il-fatt li, kif irrileva dan l-Istat Membru, is-sistema tal-ippeżar tal-voti ma għadhiex teżisti.

136. Minflok, is-sistema tal-maġġoranza doppja stabbilita mill-Artikolu 16(4) TUE tipprovdi li "il-maġġoranza kwalifikata għandha tkun definita bħala li hija daqs mill-inqas 55 % tal-membri tal-Kunsill, li tinkludi mill-inqas ħmistax fosthom u li tirrappreżenta Stati Membri li flimkien jinkludu mill-inqas 65 % tal-popolazzjoni ta' l-Unjoni."

137. Madankollu, ebda wieħed minn dawn il-kriterji l-ġodda ma jista' jissostitwixxi b'mod adegwat dak tan-numru ta' voti fil-mekkaniżmu ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill.

138. Fil-fatt, fil-każ tal-maġġoranza tal-Istati Membri, kuntrarju għalhekk għas-sistema tal-ippeżar tal-voti, l-Istati Membri kollha huma indaqs peress li kull wieħed minnhom għandu vot wieħed. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-formula użata mill-Kummissjoni [64] ma tistax tibqa' tapplika.

139. Rigward il-popolazzjoni, ma huwiex eskluż li ċerti Stati Membri li għandhom popolazzjoni speċifika għandhom kapaċità ta' ħlas iktar baxxa minn Stati Membri oħrajn li għandhom popolazzjoni inqas numeruża. Dan il-kriterju huwa wkoll irrilevanti għall-kalkolu tal-penali.

140. Għal dawn ir-raġunijiet, nikkonkludi li l-kriterju tan-numri ta' voti li għandu l-Istat Membru kkonċernat fil-Kunsill għandu jiġi abbandunat, kif diġà sar mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tat-22 ta' Frar 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-328/16, EU:C:2018:98), peress li n-numru ta' voti ma għadux iseħħ fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill u li r-regola l-ġdida tal-Artikolu 16(4) TUE ma tipprovdi l-ebda kriterju sodisfaċenti biex tiġi ddeterminata l-kapaċità ta' ħlas tal-Istat Membru kkonċernat [65].

141. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi, inkluż b'mod partikolari l-ammont kunsiderevoli ta' għajnuna li għandha tiġi rkuprata u t-tul ta' żmien tal-ksur, u fid-dawl tal-ħtieġa li r-Repubblika Ellenika tiġi mħeġġa ttemm il-ksur allegat, jidhirli li huwa xieraq li tiġi ffissata penali ta' sitt xhur minflok penali għal kull jum.

142. Fil-fatt, ninnota li għall-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni 2009/610 il-Kummissjoni kienet stabbilixxiet skadenza ta' erba' xhur [66] u li, għall-implimentazzjoni tal-impenji speċifikati fl-ittra tal-1 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni kienet tat skadenza ta' sitt xhur lir-Repubblika Ellenika u lil EN. Dan jidher ovvju peress li l-miżuri li għandhom jittieħdu biex din id-deċiżjoni tiġi eżegwita jew biex jiġu implimentati l-impenji speċifikati f'din l-ittra, bħall-bejgħ tal-assi bi rkant jew miżuri leġiżlattivi biex titneħħa l-konċessjoni tal-baċir imbattal mill-ilma, ma jistgħux jittieħdu minn jum għall-ieħor. Attwalment dan għandu importanza partikolari peress li EN tqiegħdet f'ġestjoni speċjali, proċedura li, skont l-Artikolu 69 tal-Liġi Nru 4307/2014, tista' ddum sa tnax-il xahar.

62 Ara s-sentenzi tat-2 ta' Diċembru 2014, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, (C-378/13, EU:C:2014:2405, punt 58) u tat-22 ta' Frar 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-328/16, EU:C:2018:98, punt 101).

63 Ara s-sentenza tat-22 ta' Frar 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-328/16, EU:C:2018:98, punt 101). Waqt is-seduta, la l-Kummissjoni u lanqas ir-Repubblika Ellenika ma taw ċifri iktar reċenti.

64 Ara l-punt 116 ta' dawn il-konklużjonijiet.

65 Ikun xieraq li l-Kummissjoni tadatta l-komunikazzjoni tagħha għar-regola l-ġdida ta' teħid ta' deċiżjonijiet b'maġġoranza kkwalifikata fil-Kunsill.

66 Ara l-Artikolu 18(5) ta' din id-deċiżjoni.

143. F'dak li jirrigwarda l-ammont tal-penali, ninnota li fil-kawża li tat lok għas-sentenza tat-2 ta' Diċembru 2014, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-378/13, EU:C:2014:2405) u li kienet tirrigwarda l-ambjent, il-Qorti tal-Ġustizzja ffissat penali ta' sitt xhur ta' EUR 14 520 000 peress li r-Repubblika Ellenika ma kienet ħadet l-ebda miżura għall-eżekuzzjoni tas-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-502/03, mhux ippubblikata, EU:C:2005:592), filwaqt li l-Kummissjoni kienet ipproponiet penali ta' EUR 71 193.60 kuljum (li kienet tikkorrispondi għal penali għal sitt xhur ta' EUR 12 814 848).

144. Fid-dawl ta' dak li ntqal u b'mod iktar partikolari tal-gravità u t-tul ta' żmien tal-ksur, iżda wkoll tat-tnaqqis fil-PGD Grieg f'dawn l-aħħar snin, nipproponi li tiġi ffissata penali ta' sitt xhur ta' EUR 9 500 000, jiġifieri madwar 1.5 % tal-ammont tal-għajnuna li għandha tiġi rkuprata [67].

145. Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tistabbilixxi penali digressiva biex tieħu inkunsiderazzjoni l-progress li eventwalment ikun għamel l-Istat Membru kkonċernat, inqis li tista' tiġi stabbilita wkoll penali progressiva f'każ li l-Istat Membru jkompli jonqos milli jikkonforma mal-ewwel sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. F'dan il-każ, il-penali tista' tiżdied b'EUR 2 000 000 kull sitt xhur sakemm ir-Repubblika Ellenika tkun ikkonformat għal kollox mas-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-485/10, mhux ippubblikata, EU:C:2012:395).

146. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkundanna lir-Repubblika Ellenika tħallas lill-Kummissjoni fuq il-kont "Riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea", mill-jum li fih se tingħata s-sentenza f'din il-kawża sal-eżekuzzjoni tas-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-485/10, mhux ippubblikata, EU:C:2012:395), penali kull sitt xhur ta' EUR 9 500 000 li tiżdied b'EUR 2 000 000 għal kull sitt xhur wara l-ewwel sitt xhur mill-għoti tas-sentenza f'din il-kawża sal-eżekuzzjoni tas-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-485/10, mhux ippubblikata, EU:C:2012:395).

### *B. Fuq is-somma f'daqqa*

#### *1. L-argumenti tal-partijiet*

147. Fir-rigward tal-ammont ta' somma f'daqqa, il-Kummissjoni tipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tiddeterminaha billi timmultiplika ammont ta' kuljum bin-numru ta' ġranet ta' persistenza tal-ksur.

148. Il-Kummissjoni tipproponi li għall-kalkolu tas-somma f'daqqa, jiġu applikati l-istess koeffiċjent ta' gravità, jiġifieri "5", u l-istess fattur "*n*" li ġew applikati għall-penali. Iżda l-ammont b'rata fissa bażiku għall-kalkolu tas-somma f'daqqa għandu jkun iffissat għal EUR 220 kuljum. B'differenza mill-kalkolu tal-penali, ma jiġix applikat koeffiċjent tat-tul ta' żmien.

149. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni tipproponi l-adozzjoni ta' somma f'daqqa kkalkolata billi l-ammont ta' EUR 3 828 jiġi mmultiplikat bin-numru ta' ġranet li għaddew bejn l-għoti tas-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-485/10, mhux ippubblikata, EU:C:2012:395), u d-data tal-eżekuzzjoni mir-Repubblika Ellenika tal-obbligi tagħha jew, fin-nuqqas, dik li fiha se tingħata s-sentenza f'din il-kawża.

150. Ir-Repubblika Ellenika ma ressqet l-ebda argument speċifiku dwar is-somma f'daqqa. Sa fejn, għall-kalkolu tagħha, il-Kummissjoni tuża l-istess kriterji użati għall-kalkolu tal-penali, bħall-gravità u t-tul ta' żmien tal-ksur, jeħtieġ li jitqiesu l-argumenti mressqa mir-Repubblika Ellenika rigward il-penali.

67 Il-proposta tal-Kummissjoni tkun tammonta għal penali ta' sitt xhur ta' madwar EUR 6 300 000.

*2. Kunsiderazzjonijiet*

151. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li hija awtorizzata, fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali mogħtija lilha fil-qasam inkwistjoni, timponi, b'mod kumulattiv, pagamenti ta' penali u somma f'daqqa[68].

152. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, "[i]l-prinċipju tal-kundanna għall-ħlas ta' somma f'daqqa huwa essenzjalment ibbażat fuq l-evalwazzjoni tal-konsegwenzi tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-obbligi tal-Istat Membru kkonċernat għall-interessi privati u pubbliċi, b'mod partikolari meta n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu jissokta għal żmien twil wara l-għoti tas-sentenza li tkun inizjalment ikkonstatat tali nuqqas"[69].

153. Barra minn hekk, "[d]in il-kundanna għandha, f'kull każ partikolari, tibqa' tiddependi fuq l-elementi rilevanti kollha li jikkonċernaw kemm il-karatteristiċi tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkonstatat kif ukoll l-aġir stess tal-Istat Membru kkonċernat mill-proċedura mibdija skont l-Artikolu 260 TFUE. F'dan ir-rigward, din id-dispożizzjoni tagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja setgħa diskrezzjonali wiesgħa sabiex tiddeċiedi jekk hemmx lok li timponi tali sanzjoni"[70].

154. F'din it-tilwima, kif tosserva l-Kummissjoni, ir-Repubblika Ellenika rrepetiet l-aġir illegali fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat[71]. Dan l-element u, b'mod partikolari f'din il-kawża, l-assenza ta' rkupru ta' euro wieħed sabiex tikkonforma mas-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-485/10, mhux ippubblikata, EU:C:2012:395), jikkostitwixxu indikaturi suffiċjenti li l-prevenzjoni effettiva tar-repetizzjoni futura ta' ksur simili tad-dritt tal-Unjoni hija ta' natura li teżiġi l-adozzjoni ta' miżura dissważiva, bħall-kundanna għall-ħlas ta' somma f'daqqa[72].

155. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja tiffissa l-ammont ta' din is-somma b'mod li tkun adatta għaċ-ċirkustanzi f'dan il-każ u proporzjonata mal-ksur imwettaq[73]. F'dan il-kuntest, hija tikkunsidra l-gravità tal-ksur ikkonstatat, it-tul ta' żmien tiegħu kif ukoll il-kapaċità ta' ħlas tal-Istat Membru inkwistjoni[74].

156. Dan il-proċess jinkludi diversi elementi li jitfgħu dubju dwar l-eżistenza ta' rieda ġenwina min-naħa tal-awtoritajiet Griegi li jeżegwixxu d-Deċiżjoni 2009/610 jew li jimplimentaw bis-sħiħ l-impenji tagħhom stabbiliti fl-ittra tal-1 ta' Diċembru 2010.

157. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li, fl-Artikolu 11 tal-Ftehim Qafas, ir-Repubblika Ellenika kienet wiegħdet, essenzjalment, lil EN u lill-azzjonisti tagħha (antiki u ġodda) li b'mod definittiv kienet se tikseb mingħand il-Kummissjoni li l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni 2009/610 isseħħ mingħajr ma EN tkun obbligata tirrimborsa l-ammonti tal-għajnuna, u dan kien f'Marzu 2010, jiġifieri saħansitra qabel ma l-Kummissjoni approvat il-lista tal-impenji stabbiliti fl-ittra tal-1 ta' Diċembru 2010 u qabel ma' EN aċċettathom formalment.

68 Ara s-sentenza tat-2 ta' Diċembru 2014, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, (C-378/13, EU:C:2014:2405, punt 71 u l-ġurisprudenza ċċitata) kif ukoll tat-22 ta' Frar 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-328/16, EU:C:2018:98, punt 116 u l-ġurisprudenza ċċitata).

69 Sentenza tat-2 ta' Diċembru 2014, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-378/13, EU:C:2014:2405, punt 72 u l-ġurisprudenza ċċitata).

70 Ara s-sentenza tat-2 ta' Diċembru 2014, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, (C-378/13, EU:C:2014:2405, punt 73 u l-ġurisprudenza ċċitata) u tat-22 ta' Frar 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-328/16, EU:C:2018:98, punt 117 u l-ġurisprudenza ċċitata).

71 Ara s-sentenzi tas-7 ta' Lulju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-369/07, EU:C:2009:428); tal-1 ta' Marzu 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-354/10, mhux ippubblikata, EU:C:2012:109); tas-17 ta' Ottubru 2013, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-263/12, mhux ippubblikata, EU:C:2013:673); tad-9 ta' Novembru 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-481/16, mhux ippubblikata, EU:C:2017:845), kif ukoll tas-17 ta' Jannar 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-363/16, EU:C:2018:12).

72 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-2 ta' Diċembru 2014, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, (C-378/13, EU:C:2014:2405, punt 74) u Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-196/13, EU:C:2014:2407, punti 115 u 116).

73 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-2 ta' Diċembru 2014, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-378/13, EU:C:2014:2405, punt 75); u Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-196/13, EU:C:2014:2407, punt 117); tat-22 ta' Ġunju 2016, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-557/14, EU:C:2016:471, punt 94), kif ukoll tat-22 ta' Frar 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-328/16, EU:C:2018:98, punt 119).

74 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-2 ta' Diċembru 2014, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, (C-378/13, EU:C:2014:2405, punti 76 u 77 u l-ġurisprudenza ċċitata) u Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-196/13, EU:C:2014:2407, punt 118 u l-ġurisprudenza ċċitata).

158. Madankollu, ir-Repubblika Ellenika ma setgħetx validament tagħmel din il-wegħda lil EN u lill-akkwirenti tagħha, anki jekk din kienet meħtieġa minn ADM (u wara minn Privinvest) bħala prekundizzjoni għax-xiri ta' 75.1 % tal-ishma ta' EN[75]. Fil-fatt, tali wegħda li tinjora n-natura obbligatorja tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-għajnuna hija invalida.

159. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Griegi ma kkunsidrawx l-irkupru tal-għajnuna inkompatibbli bħala prijorità u minflok aġixxew b'mod li finalment qed itawwal l-irkupru, billi ħadu miżuri ċertament meħtieġa iżda insuffiċjenti għal dan il-għan u barra minn hekk, bil-mod ħafna. Minħabba dan l-ittardjar, l-ammont tal-għajnuna li għandu jiġi rkuprat tela' minn EUR 256 000 000 għal EUR 670 000 000 bl-interessi moratorji.

160. Pereżempju, l-awtoritajiet Griegi bagħtu l-ewwel ordni ta' rkupru tal-għajnuna inkompatibbli lil EN biss fl-4 ta' Diċembru 2015[76], jiġifieri ħdax-il xahar wara l-ittra ta' intimazzjoni tal-Kummissjoni u iktar minn tliet snin wara s-sentenza għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu tat-28 ta' Ġunju 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-485/10, mhux ippubblikata, EU:C:2012:395). Huma ma talbux il-ġestjoni speċjali ta' EN qabel it-13 ta' Ottubru 2017, jiġifieri kważi sentejn wara l-ħruġ tal-ewwel ordni ta' rkupru.

161. Barra minn hekk, anki meta kien jidher li EN u l-azzjonisti tagħha ma kinux se jikkooperaw mal-implimentazzjoni tal-impenji stabbiliti fl-ittra tal-1 ta' Diċembru 2010, ir-Repubblika Ellenika ma ħadet ebda miżura biex tiftaħ proċedura ta' falliment jew ta' ġestjoni speċjali kontra EN sabiex tirkupra l-għajnuna, anki jekk il-qrati Griegi ċaħdu t-talba ta' sospensjoni tal-eżekuzzjoni ppreżentata minn EN kontra l-ordnijiet tal-irkupru[77].

162. Huwa minnu li, permezz tad-digriet provviżorju tal-5 ta' Awwissu 2016, it-tribunal tal-arbitraġġ tal-KIK kien ipprojbixxa lir-Repubblika Ellenika milli tiftaħ proċedura ta' falliment kontra EN mingħajr ma tinformah minn qabel u li, bid-deċiżjoni ts-27 ta' Ġunju 2017, kien ordna lir-Repubblika Ellenika toqgħod lura minn kwalunkwe miżura li tista' tibdel il-kontroll fuq EN sakemm tingħata s-sentenza finali, projbizzjoni li kienet tinkludi l-proċedura ta' ġestjoni speċjali.

163. Madankollu, il-liġi applikabbli għat-tilwima bejn EN, l-azzjonisti tagħha u r-Repubblika Ellenika hija l-liġi Griega u l-proċedura ta' arbitraġġ tal-KIK hija suġġetta għal din il-liġi peress li s-sede tat-tribunal tal-arbitraġġ tal-KIK kienet stabbilita f'Ateni (il-Greċja). Peress li d-dritt tal-Unjoni huwa parti mid-dritt Grieg[78], minn naħa, dan it-tribunal ma setax b'mod validu jimpedixxi lir-Repubblika Ellenika milli tiftaħ proċedura ta' insolvenza kontra EN bħala l-aħħar alternattiva sabiex tirkupra l-għajnuna inkompatibbli u, min-naħa l-oħra, ir-Repubblika Ellenika ma tistax tiġġustifika l-ineżekuzzjoni tad-Deċiżjoni 2009/610 billi tibbaża ruħha fuq id-digrieti ta' dak it-tribunal.

164. Fuq il-bażi ta' dak li ntqal iktar 'il fuq u b'kont meħud tat-tnaqqis ta' 25.5 % tal-PGD Grieg bejn l-2010 u l-2016, inqis xieraq li nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkundanna lir-Repubblika Ellenika tħallas somma f'daqqa ta' EUR 13 000 000, jiġifieri madwar 2 % tal-għajnuna li għandha tiġi rkuprata.

75 Ara l-punti 15 u 16 ta' dawn il-konklużjonijiet. Għalhekk it-tribunal tal-arbitraġġ tal-KIK injora kompletament li r-Repubblika Ellenika ma setgħetx tippermetti li EN tieħu ordnijiet ta' bini ta' bastimenti tal-gwerra għal pajjiżi oħrajn, peress li l-Artikolu 346(1) TFUE jipproteġi biss l-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Istat Membru kkonċernat. Għalhekk, ordinijiet bħal dawn, speċjalment mingħand pajjiżi terzi, jikkostitwixxu attività ċivili pprojbita mill-ittra tal-1 ta' Diċembru 2010 u abbandunata minn EN fl-ittra ta' impenn tagħha tas-27 ta' Ottubru 2010.

76 Ara l-punt 38 ta' dawn il-konklużjonijiet.

77 Ara l-punt 38 ta' dawn il-konklużjonijiet.

78 Ara s-sentenza tas-6 ta' Marzu 2018, Achmea, (C-284/16, EU:C:2018:158, punt 41).

## IX. Kumment finali

165. Waqt is-seduta, il-Kummissjoni talbet kjarifika lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-eżekuzzjoni mir-Repubblika Ellenika ta' sentenza ta' arbitraġġ li kellha tingħata fil-proċedura ta' arbitraġġ tal-ICSID u li kienet ser tikkundannaha tħallas id-danni għall-irkupru eventwali tal-għajnuna jew dwar il-miżuri meħuda għal dan il-għan bħal-likwidazzjoni ta' EN[79].

166. Fis-sentenza li għandha tingħata f'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' biss titratta l-ilmenti invokati mill-Kummissjoni fl-ittra ta' intimazzjoni tagħha indirizzata lir-Repubblika Ellenika. Ma tistax tingħata l-istess kwalifika lit-talba għal kjarifika tal-Kummissjoni.

167. Għaldaqstant, din it-talba tal-Kummissjoni tista' tiġi ttrattata biss fil-kuntest ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu separat intiż biex jiġi stabbilit li meta kkonformat ma' dik is-sentenza, ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt it-Trattat FUE.

168. Finalment, f'kull każ, attwalment ma hemm ebda sentenza fil-proċedura ta' arbitraġġ tal-ICSID inkwistjoni.

## X. Fuq l-ispejjeż

169. Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li r-Repubblika Ellenika tilfet, u peress li ġie kkonstatat li hija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha, hija għandha tiġi kkundannata tbati l-ispejjeż kif mitlub mill-Kummissjoni.

## XI. Konklużjoni

170. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi b'dan il-mod:

1) Billi ma ħaditx il-miżuri għall-eżekuzzjoni tas-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-485/10, mhux ippubblikata, EU:C:2012:395), ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt din is-sentenza u l-Artikolu 260(1) TFUE.

2) Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata tħallas lill-Kummissjoni Ewropea, fil-kont "Riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea", mill-jum tal-għoti tas-sentenza li ser tingħata f'din il-kawża u sad-data meta tiġi eżegwita s-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-485/10, mhux ippubblikata, EU:C:2012:395), pagament ta' penali ta' EUR 9 500 000 kull sitt xhur li tiżdied b'EUR 2 miljun kull sitt xhur ta' wara l-ewwel sitt xhur wara l-għoti tas-sentenza li ser tingħata f'din il-kawża sal-eżekuzzjoni tas-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-485/10, mhux ippubblikata, EU:C:2012:395).

3) Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata tħallas lill-Kummissjoni, fil-kont "Riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea", is-somma f'daqqa ta' EUR 13 000 000.

4) Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata għall-ispejjeż.

79 Ara l-punti 58 u 59 ta' dawn il-konklużjonijiet.